EBA/GL/2021/05

2 ta’ Lulju 2021

# Abbozz ta’ Linji Gwida

# dwar il-governanza interna

# 1. Obbligi ta’ konformità u ta’ rapportar

## L-istatus ta’ dawn il-linji gwida

1. Dawn il-linji gwida jinħarġu skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[1]. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji, inkluż l-istituzzjonijiet, għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta’ Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f’qasam partikolari. L-awtorità kompetenti, kif definita fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li għaliha japplikaw il-linji gwida, għandha tikkonforma billi tinkorporahom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi temenda l-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida jkunu indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti tar-rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtorità kompetenti trid tinnotifika lill-EBA dwar jekk tikkonformax jew jekk hux beħsiebha tikkonforma ma’ dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta’ konformità, sa (05.12.2021). Fin-nuqqas ta’ kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtorità kompetenti se tiġi kkunsidrata mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza “EBA/GL/2021/05”. In-notifiki għandhom isiru minn persuni b’awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f’isem l-awtorità kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istat ta’ konformità għandu jiġi rrapportat ukoll lill-EBA.

4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f’konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

[1] Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

# 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

## Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw aktar l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi dwar il-governanza interna li l-istituzzjonijiet, li huma soġġetti għad-Direttiva 2013/36/UE[2] u d-ditti tal-investiment li huma soġġetti għat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE fl-applikazzjoni tal-Artikolu 1(2) u (5) tar-Regolament 2019/2033/UE, għandhom jimplimentaw f'konformità mal-Artikolu 74(1) tad-Direttiva 2013/36/UE biex jiżguraw il-ġestjoni effettiva u prudenti tagħhom.

## Destinatarji

Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt (i) tal-Artikolu 4 2) tar-Regolament (UE) 1093/2010, u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif definit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 1093/2010 li huma jew istituzzjonijiet għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2013/36/UE kif definit fil-punt 3 tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE filwaqt li jitqies ukoll l-Artikolu 3(3) ta' dik id-Direttiva jew ditti tal-investiment soġġetti għat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE b'applikazzjoni tal-Artikolu 1(2) u (5) tar-Regolament 2019/2033/UE ("istituzzjonijiet").

## Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-arranġamenti ta' governanza tal-istituzzjonijiet, inkluż l-istruttura organizzazzjonali tagħhom u l-linji ta' responsabbiltà korrispondenti, il-proċessi għall-identifikazzjoni, għall-ġestjoni, għall-monitoraġġ u għar-rapportar tar-riskji kollha[3] li huma jew li jistgħu jkunu esposti għalihom, u l-qafas ta' kontroll intern.

7. Il-linji gwida huma maħsuba li jħaddnu kull struttura ta' bord eżistenti u ma jippromwovux struttura partikolari. Il-linji gwida ma jinterferixxux mal-allokazzjoni ġenerali tal-kompetenzi skont id-dritt soċjetarju nazzjonali. Għaldaqstant, għandhom jiġu applikati irrispettivament mill-istruttura tal-bord użata (struttura unitarja u/jew ta' bord fuq żewġ binarji u/jew struttura oħra) fost l-Istati Membri kollha. Il-korp ta' ġestjoni, kif definit fil-Punti (7) u (8) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, għandu jinftiehem bħala li għandu funzjonijiet maniġerjali (eżekuttivi) u superviżorji (mhux eżekuttivi)[4].

---

[2] Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

[3] Kwalunkwe referenza għar-riskji f'dawn il-linji gwida għandha tinkludi riskji ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu.

[4] Ara wkoll il-premessa 56 tad-Direttiva 2013/36/UE.

8. It-termini "korp ta' ġestjoni fil-funzjoni maniġerjali tiegħu" u "korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu" jintużaw matul dawn il-linji gwida mingħajr ma jirreferu għal xi struttura speċifika ta' governanza u r-referenzi għall-funzjoni maniġerjali (eżekuttiva) jew superviżorja (mhux eżekuttiva) għandhom jitqiesu li japplikaw għall-korpi jew għall-membri tal-korp ta' ġestjoni responsabbli minn dik il-funzjoni skont il-liġi nazzjonali. Meta jimplimentaw dawn il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu d-dritt soċjetarju nazzjonali tagħhom u, fejn meħtieġ, jispeċifikaw għal liema korp jew membri tal-korp ta' ġestjoni għandhom japplikaw dawk il-funzjonijiet.

9. Fi Stati Membri fejn il-korp ta' ġestjoni jiddelega, b'mod parzjali jew kompletament, il-funzjonijiet eżekuttivi lil persuna jew lil korp eżekuttiv intern (eż. uffiċjal kap eżekuttiv (CEO), tim ta' ġestjoni jew kumitat eżekuttiv), il-persuni li jwettqu dawk il-funzjonijiet eżekuttivi abbażi ta' dik id-delega għandhom jinftiehmu bħala li jikkostitwixxu l-funzjoni maniġerjali tal-korp ta' ġestjoni. Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, kwalunkwe referenza għall-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni maniġerjali tiegħu għandha tinftiehem li tinkludi wkoll il-membri tal-korp eżekuttiv jew is-CEO, kif definit f'dawn il-linji gwida, anke jekk ma jkunux ġew proposti jew maħtura bħala membri formali tal-korp jew tal-korpi governattiv/i tal-istituzzjoni skont il-liġi nazzjonali.

10. Fi Stati Membri fejn ċerti responsabbiltajiet jiġu eżerċitati direttament minn azzjonisti, membri jew sidien tal-istituzzjoni minflok mill-korp ta' ġestjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li, kemm jista' jkun, dawn ir-responsabbiltajiet u d-deċiżjonijiet relatati jkunu konformi mal-linji gwida applikabbli għall-korp ta' ġestjoni.

11. Id-definizzjonijiet ta' CEO, ta' uffiċjal kap finanzjarju (CFO) u ta' detentur ta' funzjoni ewlenija użati f'dawn il-linji gwida huma purament funzjonali u mhumiex maħsuba biex jimponu l-ħatra ta' dawk l-uffiċjali jew il-ħolqien ta' dawn il-pożizzjonijiet sakemm ma jkunx preskritt bil-liġi nazzjonali jew bid-dritt tal-UE rilevanti.

12. L-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida fuq bażi individwali, subkonsolidata u konsolidata, skont il-livell ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 109 tad-Direttiva 2013/36/UE.

## Definizzjonijiet

13. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva 2013/36/UE u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| **Predispożizzjoni għar-riskju** | tfisser il-livell aggregat u t-tipi ta' riskju li istituzzjoni hija lesta tassumi fil-kapaċità għar-riskju tagħha, f'konformità mal-mudell kummerċjali tagħha, biex tilħaq l-objettivi strateġiċi tagħha. |

| | |
|---|---|
| **Kapaċità tar-riskju** | tfisser il-livell massimu ta' riskju li istituzzjoni kapaċi tassumi fid-dawl tal-bażi kapitali tagħha, il-kapaċitajiet ta' ġestjoni u ta' kontroll tar-riskju tagħha, u l-limitazzjonijiet regolatorji tagħha. |
| **Kultura tar-riskju** | tfisser in-normi, l-attitudnijiet u l-imġiba ta' istituzzjoni relatati mas-sensibilizzazzjoni għar-riskju, it-teħid ta' riskji u l-ġestjoni tar-riskji, u l-kontrolli li jsawru d-deċiżjonijiet dwar ir-riskji. Il-kultura tar-riskju tinfluwenza d-deċiżjonijiet tal-maniġment u tal-impjegati waqt l-attivitajiet ta' kuljum u għandha impatt fuq ir-riskji li jassumu. |
| **Persunal** | tfisser l-impjegati kollha ta' istituzzjoni u tas-sussidjarji tagħha fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni, inkluż sussidjarji li mhumiex soġġetti għad-Direttiva 2013/36/UE, u l-membri kollha tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni maniġerjali u fil-funzjoni superviżorja tiegħu. |
| **Uffiċjal kap eżekuttiv (CEO)** | tfisser il-persuna li hija responsabbli mill-ġestjoni u mit-tmexxija tal-attivitajiet kummerċjali ġenerali ta' istituzzjoni. |
| **Uffiċjal kap finanzjarju (CFO)** | tfisser il-persuna li hija b'mod ġenerali responsabbli mill-ġestjoni tal-attivitajiet kollha li ġejjin: il-ġestjoni tar-riżorsi finanzjarji, l-ippjanar finanzjarju u r-rapportar finanzjarju. |
| **Kapijiet ta' funzjonijiet ta' kontroll intern** | tfisser il-persuni fl-ogħla livell ġerarkiku inkarigati mill-ġestjoni effettiva tal-operat ta' kuljum tal-funzjonijiet indipendenti tal-ġestjoni tar-riskju, tal-konformità u tal-awditjar intern. |
| **Detenturi ta' funzjonijiet ewlenin** | tfisser persuni li għandhom influwenza sinifikanti fuq id-direzzjoni tal-istituzzjoni, iżda li la huma membri tal-korp ta' ġestjoni u lanqas is-CEO. Dawn jinkludu l-kapijiet ta' funzjonijiet ta' kontroll intern u s-CFO, fejn ma jkunux membri tal-korp ta' ġestjoni, u, fejn identifikati minn approċċ ibbażat fuq ir-riskju mill-istituzzjonijiet, detenturi oħra ta' funzjonijiet ewlenin.<br><br>Detenturi ta' funzjonijiet ewlenin oħra jistgħu jinkludu kapijiet ta' linji operatorji sinifikanti, fergħat taż-Żona Ekonomika Ewropea/tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, sussidjarji ta' pajjiżi terzi u funzjonijiet interni oħra. |
| **Konsolidazzjoni prudenzjali** | tfisser l-applikazzjoni tar-regoli prudenzjali stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata, skont il-Parti 1, it-Titolu 2, il-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) 575/2013.[5] |
| **Differenza bejn il-ġeneri fil-pagi** | tfisser id-differenza bejn il-qligħ gross medju fis-siegħa tal-irġiel u n-nisa espressa bħala perċentwal tal-qligħ gross medju fis-siegħa tal-irġiel. |

[5] Ara wkoll l-RTS dwar il-konsolidazzjoni prudenzjali skont: https://www.eba.europa.eu/sites/default/documents/files/document_library/Publications/Draft%20Technical%20Standards/2021/973355/Final%20Report%20Draft%20RTS%20methods%20of%20consolidation.pdf

| | |
|---|---|
| **Istituzzjoni tal-konsolidazzjoni** | tfisser istituzzjoni li hija meħtieġa timxi mar-rekwiżiti prudenzjali abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata skont il-Parti 1, it-Titolu 2, il-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) 575/2013. |
| **Istituzzjonijiet sinifikanti** | tfisser l-istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE (istituzzjonijiet globali sistemikament importanti (G-SIIs), u istituzzjonijiet sistematikament importanti oħrajn (O-SIIs)), u, skont kif ikun xieraq, istituzzjonijiet oħrajn stabbiliti mill-awtorità kompetenti jew bil-liġi nazzjonali, abbażi ta' valutazzjoni tad-daqs u tal-organizzazzjoni interna tal-istituzzjonijiet, kif ukoll in-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom. |
| **Istituzzjoni elenkata** | tfisser istituzzjonijiet li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar f'suq regolat jew f'faċilità multilaterali tan-negozjar kif definit fl-Artikolu 4(21) u l-Artikolu 4(22) tad-Direttiva 2014/65/UE, fi Stat Membru wieħed jew aktar[6]. |
| **Azzjonist** | tfisser persuna li hija proprjetarju ta' ishma f'istituzzjoni jew, skont il-forma ġuridika ta' istituzzjoni, sidien jew membri oħrajn tal-istituzzjoni. |
| **Direttorat** | tfisser pożizzjoni bħala membru tal-korp ta' ġestjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità ġuridika oħra. |

# 14. Implimentazzjoni

## Data ta' applikazzjoni

15. Dawn il-linji gwida aġġornati japplikaw mill-31 ta' Diċembru 2021.

## Tħassir

16. Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna (EBA/GL/2017/11) tas-26 ta' Settembru 2017 huma mħassra b'effett mill-31 ta' Diċembru 2021.

[6] Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

# 17. Linji Gwida

## Titolu I - Proporzjonalità

18. Il-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 74(2) tad-Direttiva 2013/36/UE għandu l-għan li jiġi żgurat li l-arranġamenti ta' governanza interna jkunu konsistenti mal-profil tar-riskju individwali u mal-mudell kummerċjali tal-istituzzjoni, sabiex l-objettivi tar-rekwiżiti u d-dispożizzjonijiet regolatorji jintlaħqu b'mod effettiv.

19. Meta jiżviluppaw u jimplimentaw arranġamenti ta' governanza interna, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu d-daqs u l-organizzazzjoni interna tagħhom, kif ukoll in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom. Istituzzjonijiet sinifikanti għandu jkollhom arranġamenti ta' governanza aktar sofistikati, filwaqt li istituzzjonijiet żgħar u inqas kumplessi jistgħu jimplimentaw arranġamenti ta' governanza aktar sempliċi. Madankollu, l-istituzzjonijiet għandhom jinnotaw li d-daqs jew l-importanza sistemika ta' istituzzjoni ma tistax, waħedha, tkun indikattiva tal-punt sa fejn istituzzjoni tkun esposta għar-riskji.

20. Għall-fini tal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità u sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa tar-rekwiżiti regolatorji u dawn il-linji gwida, l-aspetti kollha li ġejjin għandhom jitqiesu mill-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti:

    a. id-daqs f'termini tat-total tal-karta bilanċjali tal-istituzzjoni u tas-sussidjarji tagħha fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni prudenzjali;

    b. il-preżenza ġeografika tal-istituzzjoni u d-daqs tal-operazzjonijiet tagħha f'kull ġurisdizzjoni;

    c. il-forma ġuridika tal-istituzzjoni, inkluż jekk l-istituzzjoni hijiex parti minn grupp u, jekk iva, il-valutazzjoni tal-proporzjonalità għall-grupp;

    d. jekk l-istituzzjoni hijiex elenkata;

    e. jekk l-istituzzjoni hijiex awtorizzata tuża mudelli interni għall-kejl tar-rekwiżiti kapitali (eż. l-approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni);

    f. it-tip ta' attivitajiet u servizzi awtorizzati mwettqa mill-istituzzjoni (eż. ara wkoll l-Anness 1 għad-Direttiva 2013/36/UE u l-Anness 1 għad-Direttiva 2014/65/UE);

    g. il-mudell u l-istrateġija kummerċjali sottostanti; in-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet kummerċjali, u l-istruttura organizzazzjonali tal-istituzzjoni;

h. l-istrateġija tar-riskju, il-predispoizzjoni għar-riskju u l-profil tar-riskju attwali tal-istituzzjoni, filwaqt li jitqies ukoll ir-riżultat tal-valutazzjonijiet tal-likwidità tas-SREP u tal-kapital tas-SREP;

i. l-istruttura ta' sjieda u ta' finanzjament tal-istituzzjoni;

j. it-tip ta' klijenti (eż. bejjiegħa bl-imnut, korporattivi, istituzzjonali, negozji żgħar, entitajiet pubbliċi) u l-kumplessità tal-prodotti jew tal-kuntratti;

k. il-funzjonijiet u l-kanali ta' distribuzzjoni esternalizzati;

l. is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) eżistenti, inkluż is-sistemi ta' kontinwità u l-funzjonijiet ta' esternalizzazzjoni f'dan il-qasam; u

m. jekk l-istituzzjoni taqax taħt id-definizzjoni fil-Punti 145 u 146 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ta' istituzzjoni żgħira u mhux kumplessa jew istituzzjoni kbira.

# Titolu II – Rwol u kompożizzjoni tal-korp ta' ġestjoni u tal-kumitati

## 1 Rwol u responsabbiltajiet tal-korp ta' ġestjoni

21. Skont l-Artikolu 88(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, il-korp ta' ġestjoni għandu jkollu r-responsabbiltà aħħarija u ġenerali għall-istituzzjoni u jiddefinixxi, jissorvelja u huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza fi ħdan l-istituzzjoni li jiżguraw ġestjoni effikaċi u prudenti tal-istituzzjoni.

22. Id-dmirijiet tal-korp ta' ġestjoni għandhom ikunu definiti b'mod ċar, u jiddistingwu bejn id-dmirijiet tal-funzjoni maniġerjali (eżekuttiva) u dik superviżorja (mhux eżekuttiva). Ir-responsabbiltajiet u d-dmirijiet tal-korp ta' ġestjoni għandhom jiġu deskritti f'dokument bil-miktub u debitament approvat mill-korp ta' ġestjoni. Il-membri kollha tal-korp ta' ġestjoni għandhom ikunu kompletament konxji mill-istruttura u mir-responsabbiltajiet tal-korp ta' ġestjoni, u mit-tqassim tal-kompiti bejn il-funzjonijiet differenti tal-korp ta' ġestjoni u tal-kumitati tiegħu.

23. Il-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu u fil-funzjoni maniġerjali tiegħu għandhom jinteraġixxu b'mod effettiv. Iż-żewġ funzjonijiet għandhom jipprovdu informazzjoni suffiċjenti lil xulxin sabiex ikunu jistgħu jwettqu r-rwoli rispettivi tagħhom. Sabiex ikun hemm sistema ta' kontrokontrolli xierqa fis-seħħ, it-teħid tad-deċiżjonijiet fi ħdan il-korp ta' ġestjoni ma għandux ikun iddominat minn membru uniku jew minn subsett żgħir tal-membri tiegħu.

24. Ir-responsabbiltajiet tal-korp ta' ġestjoni għandhom jinkludu l-istabbiliment, l-approvazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni ta':

a. l-istrateġija kummerċjali ġenerali u l-politiki ewlenin tal-istituzzjoni fi ħdan il-qafas ġuridiku u regolatorju applikabbli, filwaqt li jitqiesu l-interessi finanzjarji fit-tul u s-solvenza tal-istituzzjoni;

b. l-istrateġija tar-riskju ġenerali, il-predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni u l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tagħha u l-miżuri biex jiġi żgurat li l-korp ta' ġestjoni jiddedika ħin biżżejjed għal kwistjonijiet ta' riskju u ta' ġestjoni tar-riskju;

c. qafas adegwat u effettiv ta' governanza interna u ta' kontroll intern, kif definit fit-Titolu V, li:

    i. jinkludi struttura organizzazzjonali ċara kif ukoll funzjonijiet indipendenti u li jaħdmu tajjeb ta' ġestjoni tar-riskju, ta' konformità u ta' awditjar interni b'biżżejjed awtorità, statura u riżorsi sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom;

    ii. jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli fil-kuntest tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

d. l-ammonti, it-tipi u t-tqassim kemm tal-kapital intern kif ukoll tal-kapital regolatorju sabiex jiġu koperti b'mod adegwat ir-riskji tal-istituzzjoni;

e. miri għall-ġestjoni tal-likwidità tal-istituzzjoni;

f. politika ta' remunerazzjoni li hija konformi mal-prinċipji ta' remunerazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 92 sa 95 tad-Direttiva 2013/36/UE u fil-linji gwida tal-EBA dwar politiki sodi ta' remunerazzjoni skont l-Artikoli 74(3) u 75(2) tad-Direttiva 2013/36/UE[7];

g. arranġamenti bil-għan li jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet individwali u kollettivi tal-idoneità tal-korp ta' ġestjoni jsiru b'mod effettiv, li l-ippjanar dwar il-kompożizzjoni u s-suċċessjoni tal-korp ta' ġestjoni huma xierqa, u li l-korp ta' ġestjoni jaqdi l-funzjonijiet tiegħu b'mod effettiv[8];

h. proċess ta' għażla u ta' valutazzjoni tal-idoneità għal detenturi ta' funzjonijiet ewlenin[9];

i. arranġamenti bil-għan li jiġi żgurat il-funzjonament intern ta' kull kumitat tal-korp ta' ġestjoni, meta jkunu stabbiliti, li jagħtu dettalji dwar:

    i. ir-rwol, il-kompożizzjoni u l-kompiti ta' kull wieħed minnhom;

[7] Linji gwida tal-EBA dwar politiki sodi ta' remunerazzjoni

[8] Ara wkoll il-linji gwida konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin.

[9] Ara wkoll il-linji gwida konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin.

ii. il-fluss xieraq ta' informazzjoni, inkluż id-dokumentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u tal-konklużjonijiet, u linji ta' rapportar bejn kull kumitat u l-korp ta' ġestjoni, l-awtoritajiet kompetenti u partijiet oħra;

j. il-kultura tar-riskju f'konformità mat-Taqsima 9 ta' dawn il-linji gwida, li tindirizza s-sensibilizzazzjoni tal-istituzzjoni dwar ir-riskji u l-imġiba ta' teħid tar-riskji;

k. kultura u valuri korporattivi f'konformità mat-Taqsima 10, li jrawmu mġiba responsabbli u etika, inkluż kodiċi ta' kondotta jew strument simili;

l. politika dwar il-kunflitt ta' interess fuq livell istituzzjonali f'konformità mat-Taqsima 11 u għall-persunal f'konformità mat-Taqsima 12; u

m. arranġamenti bil-għan li tiġi żgurata l-integrità tas-sistemi kontabilistiċi u ta' rapportar finanzjarju, inkluż kontrolli finanzjarji u operazzjonali u l-konformità mal-liġi u ma' standards rilevanti.

25. Meta jistabbilixxi, japprova u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-aspetti elenkati fil-Paragrafu 22, il-korp ta' ġestjoni għandu jkollu l-għan li jiżgura mudell ta' negozju, arranġamenti ta' governanza, inkluż qafas ta' ġestjoni tar-riskju li jqis ir-riskji kollha. Meta jqisu r-riskji kollha, li l-istituzzjonijiet ikunu esposti għalihom, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-fatturi ta' riskju rilevanti kollha, inkluż il-fatturi ta' riskju ambjentali, soċjali u ta' governanza. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw li dawn tal-aħħar jistgħu jmexxu r-riskji prudenzjali tagħhom, inkluż ir-riskji ta' kreditu, eż. permezz ta' fatturi ta' riskju relatati mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli jew avvenimenti fiżiċi esterni relatati mal-klima li jistgħu jaffettwaw lid-debituri, is-suq, il-likwidità, ir-riskji operazzjonali u wkoll ir-riskji għar-reputazzjoni, eż. permezz ta' fatturi ta' riskju soċjali u ta' governanza, eż. fil-kuntest ta' arranġamenti ta' esternalizzazzjoni[10]. Tali riskji jinkludu, eż. riskji legali fil-qasam tal-liġi kuntrattwali jew tax-xogħol, riskji relatati ma' ksur potenzjali tad-drittijiet tal-bniedem jew fatturi oħra ta' riskju tal-ESG li jistgħu jaffettwaw lill-pajjiż fejn ikun jinsab fornitur ta' servizz u l-kapaċità tiegħu li jipprovdi l-livelli ta' servizz miftiehma.

26. Il-korp ta' ġestjoni għandu jissorvelja l-proċess ta' divulgazzjoni u ta' komunikazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati esterni u mal-awtoritajiet kompetenti.

27. Il-membri kollha tal-korp ta' ġestjoni għandhom ikunu infurmati dwar l-attività ġenerali, is-sitwazzjoni finanzjarja u ta' riskju tal-istituzzjoni, filwaqt li jitqies l-ambjent ekonomiku, u dwar deċiżjonijiet li jittieħdu li għandhom impatt kbir fuq in-negozju tal-istituzzjoni.

28. Membru tal-korp ta' ġestjoni jista' jkun responsabbli minn funzjoni ta' kontroll intern kif imsemmi fit-Titolu V, it-Taqsima 19.1, sakemm il-membru ma jkollux mandati oħra li

[10] Ara r-rapport tal-EBA dwar il-ġestjoni u s-superviżjoni tar-riskji tal-ESG ippubblikat skont l-Artikolu 98(8) tas-CRD għal deskrizzjoni tal-fehim tal-EBA dwar ir-riskji tal-ESG, il-kanali ta' trażmissjoni, u r-rakkomandazzjonijiet għal arranġamenti, il-proċessi, il-mekkaniżmi u l-istrateġiji li għandhom jiġu implimentati mill-istituzzjonijiet biex jidentifikaw, jivvalutaw u jiġġestixxu r-riskji tal-ESG.

jikkompromettu l-attivitajiet ta' kontroll intern tal-membru u l-indipendenza tal-funzjoni ta' kontroll intern.

29. Il-korp ta' ġestjoni għandu jimmonitorja, jirrieżamina perjodikament u jindirizza kwalunkwe nuqqas identifikat fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-proċessi, tal-istrateġiji u tal-politiki relatati mar-responsabbiltajiet elenkati fil-Paragrafi 22 u 23. Il-qafas ta' governanza interna u l-implimentazzjoni tiegħu għandhom jiġu rieżaminati u aġġornati fuq bażi perjodika filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif spjegat aktar fit-Titolu I. Għandu jsir rieżami aktar fil-fond fil-każ ta' tibdil materjali li jaffettwa l-istituzzjoni.

# 2 Funzjoni maniġerjali tal-korp ta' ġestjoni

30. Il-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni maniġerjali tiegħu għandu jipparteċipa b'mod attiv fin-negozju ta' istituzzjoni u għandu jieħu deċiżjonijiet fuq bażi soda u infurmata tajjeb.

31. Il-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni maniġerjali tiegħu għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni tal-istrateġiji stabbiliti mill-korp ta' ġestjoni u jiddiskuti regolarment l-implimentazzjoni u l-adegwatezza ta' dawk l-istrateġiji mal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu. L-implimentazzjoni operattiva tista' ssir mill-maniġment tal-istituzzjoni.

32. Il-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni maniġerjali tiegħu għandu jikkontesta b'mod kostruttiv u jirrieżamina b'mod kritiku l-proposti, l-ispjegazzjonijiet u l-informazzjoni li jaslulu meta jeżerċita l-ġudizzju tiegħu u jieħu deċiżjonijiet. Il-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni maniġerjali tiegħu għandu jirrapporta b'mod komprensiv, u jgħarraf regolarment u fejn meħtieġ mingħajr dewmien żejjed lill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu dwar l-elementi rilevanti għall-valutazzjoni ta' sitwazzjoni, ir-riskji u l-iżviluppi li jaffettwaw jew li jistgħu jaffettwaw lill-istituzzjoni, eż. deċiżjonijiet materjali dwar attivitajiet kummerċjali u r-riskji meħuda, il-valutazzjoni tal-ambjent ekonomiku u kummerċjali tal-istituzzjoni, il-likwidità u l-bażi kapitali soda, kif ukoll valutazzjoni tal-iskoperturi materjali għar-riskju tiegħu.

33. Mingħajr preġudizzju għat-traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva 2015/849/UE, il-korp ta' ġestjoni jeħtieġ li jidentifika wieħed mill-membri tiegħu f'konformità mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 46(4) tad-Direttiva 2015/849/UE d-Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLD) li huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-direttiva, inkluż il-politiki u l-proċeduri AML/CFT korrispondenti fl-istituzzjoni u fil-livell tal-korp ta' ġestjoni[11].

# 3 Funzjoni superviżorja tal-korp ta' ġestjoni

34. Ir-rwol tal-membri tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandu jinkludi l-monitoraġġ u l-kontestazzjoni kostruttiva tal-istrateġija tal-istituzzjoni.

[11] Il-korp ta' ġestjoni bħala korp kolleġjali jibqa' responsabbli kollu kemm hu.

35. Mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali l-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandu jinkludi membri indipendenti kif previst fit-Taqsima 9.3 tal-linji gwida konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE.

36. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet assenjati skont il-liġi nazzjonali dwar il-kumpaniji applikabbli, il-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandu:

a. jissorvelja u jimmonitorja t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-maniġment u jipprovdi sorveljanza effettiva tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni maniġerjali tiegħu, inkluż il-monitoraġġ u l-iskrutinju tal-prestazzjoni individwali u kollettiva tiegħu u l-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-objettivi tal-istituzzjoni;

b. jikkontesta b'mod kostruttiv u jirrieżamina b'mod kritiku l-proposti u l-informazzjoni pprovduti mill-membri tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni maniġerjali tiegħu, kif ukoll id-deċiżjonijiet tiegħu;

c. filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fit-Titolu I, iwettaq kif suppost id-doveri u r-rwol tal-kumitat tar-riskju, tal-kumitat tar-remunerazzjoni u tal-kumitat tan-nomina, fejn ma jkunux ġew stabbiliti tali kumitati;

d. jiżgura u jivvaluta perjodikament l-effikaċja tal-qafas ta' governanza interna tal-istituzzjoni u jieħu passi xierqa biex jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas identifikat;

e. jissorvelja u jimmonitorja li l-objettivi strateġiċi, l-istruttura organizzazzjonali u l-istrateġija tar-riskju tal-istituzzjoni, il-predispożizzjoni għar-riskju u l-qafas ta' ġestjoni tar-riskju tagħha, kif ukoll politiki oħra (eż. il-politika ta' remunerazzjoni) u l-qafas tad-divulgazzjoni qed jiġu implimentati b'mod konsistenti;

f. jimmonitorja li l-kultura tar-riskju tal-istituzzjoni qed tiġi implimentata b'mod konsistenti;

g. jissorvelja l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kodiċi ta' kondotta jew ta' kodiċi simili u politiki effettivi biex jiġu identifikati, ġestiti u mitigati kunflitti ta' interess attwali u potenzjali;

h. jissorvelja l-integrità tal-informazzjoni u tar-rapportar finanzjarju, u l-qafas ta' kontroll intern, inkluż qafas ta' ġestjoni tar-riskju effettiv u b'saħħtu;

i. jiżgura li l-kapijiet ta' funzjonijiet ta' kontroll intern jistgħu jaġixxu b'mod indipendenti u, irrispettivament mir-responsabbiltà li jirrapportaw għand korpi interni, linji jew unitajiet operatorji oħrajn, jistgħu jqajmu tħassib u jwissu lill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu direttament, fejn meħtieġ, meta żviluppi negattivi fir-riskju jaffettwaw jew jistgħu jaffettwaw lill-istituzzjoni; u

j. jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' awditjar intern, wara l-involviment preċedenti tal-kumitati tar-riskju u ta' awditjar, fejn dawn il-kumitati jkunu stabbiliti.

# 4 Rwol tal-president tal-korp ta' ġestjoni

37. Il-president tal-korp ta' ġestjoni għandu jmexxi lill-korp ta' ġestjoni, jikkontribwixxi għal fluss effiċjenti ta' informazzjoni fi ħdan il-korp ta' ġestjoni u bejn il-korp ta' ġestjoni u l-kumitati tiegħu, fejn ikunu stabbiliti, u għandu jkun responsabbli mill-funzjonament ġenerali effettiv tiegħu.

38. Il-president għandu jħeġġeġ u jippromwovi diskussjoni miftuħa u kritika u jiżgura l-espressjoni u d-diskussjoni ta' fehmiet diverġenti fi ħdan il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

39. Bħala prinċipju ġenerali, il-president tal-korp ta' ġestjoni għandu jkun membru mhux eżekuttiv. Fejn il-president ikollu l-permess jassumi dmirijiet eżekuttivi, l-istituzzjoni għandu jkollha miżuri fis-seħħ għall-mitigazzjoni ta' kwalunkwe impatt negattiv fuq is-sistema ta' kontrokontrolli tal-istituzzjoni (eż. permezz tad-deżinjazzjoni ta' membru ewlieni tal-bord jew ta' membru għoli indipendenti tal-bord, jew billi jkun hemm għadd akbar ta' membri mhux eżekuttivi fi ħdan il-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu). B'mod partikolari, skont l-Artikolu 88(1)(e) tad-Direttiva 2013/36/UE, il-president tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu ta' istituzzjoni ma għandux jeżerċita simultanjament il-funzjonijiet ta' CEO fl-istess istituzzjoni, sakemm ma jkunx ġustifikat mill-istituzzjoni u awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti.

40. Il-president għandu jistabbilixxi l-aġendi tal-laqgħat u jiżgura li kwistjonijiet strateġiċi jiġu diskussi bi prijorità. Huwa jew hija għandu/għandha jiżgura/tiżgura li d-deċiżjonijiet tal-korp ta' ġestjoni jittieħdu fuq bażi soda u infurmata tajjeb u li d-dokumenti u l-informazzjoni jaslu f'ħin propizju qabel il-laqgħa.

41. Il-president tal-korp ta' ġestjoni għandu jikkontribwixxi għal allokazzjoni ċara tad-dmirijiet bejn il-membri tal-korp ta' ġestjoni u l-eżistenza ta' fluss effiċjenti ta' informazzjoni bejniethom, sabiex il-membri tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod kostruttiv għad-diskussjonijiet u biex jitfgħu l-voti tagħhom fuq bażi soda u infurmata tajjeb.

# 5 Kumitati tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu

## 5.1 Stabbiliment ta' kumitati

42. Skont l-Artikolu 109(1) tad-Direttiva 2013/36/UE flimkien mal-Artikoli 76(3), 88(2), u 95(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjonijiet kollha li huma stess sinifikanti, filwaqt li jitqies il-livell individwali, subkonsolidat u dak konsolidat, iridu jistabbilixxu kumitati tar-riskju, tan-nomina[12]

[12] Ara wkoll il-linji gwida konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE.

u tar-remunerazzjoni[13] biex jagħtu pariri lill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu u sabiex iħejju d-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu minn dan il-korp. Istituzzjonijiet mhux sinifikanti, inkluż meta jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni prudenzjali ta' istituzzjoni li hija sinifikanti f'sitwazzjoni subkonsolidata jew konsolidata, mhumiex obbligati jistabbilixxu dawk il-kumitati.

43. Fejn ma jkunx hemm kumitat tar-riskju jew tan-nomina stabbilit, ir-referenzi għal dawk il-kumitati f'dawn il-linji gwida għandhom jiġu interpretati li japplikaw għall-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu, filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fit-Titolu I.

44. L-istituzzjonijiet jistgħu, filwaqt li jitiqiesu l-kriterji stabbiliti fit-Titolu I ta' dawn il-linji gwida, jistabbilixxu kumitati oħra (eż. kumitati kontra l-ħasil tal-flus/il-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CTF), l-etika, il-kondotta u l-konformità).

45. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw allokazzjoni u distribuzzjoni ċari tad-dmirijiet u tal-kompiti bejn il-kumitati speċjalizzati tal-korp ta' ġestjoni.

46. Kull kumitat għandu jkollu mandat dokumentat, li jinkludi l-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltajiet tiegħu, mill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu u jistabbilixxi proċeduri ta' ħidma xierqa.

47. Il-kumitati għandhom jappoġġjaw il-funzjoni superviżorja f'oqsma speċifiċi u jiffaċilitaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' qafas sod ta' governanza interna. Id-delegazzjoni lill-kumitati bl-ebda mod ma teħles lill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu milli jwettaq b'mod kollettiv id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tiegħu.

## 5.2 Kompożizzjoni tal-kumitati[14]

48. Il-kumitati kollha għandhom ikunu ppreseduti minn membru mhux eżekuttiv tal-korp ta' ġestjoni li jista' jeżerċita ġudizzju oġġettiv.

49. Membri indipendenti[15] tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandhom ikunu involuti b'mod attiv fil-kumitati.

50. Fejn il-kumitati għandhom jiġu stabbiliti skont id-Direttiva 2013/36/UE jew skont il-liġi nazzjonali, għandhom ikunu magħmula minn tal-anqas tliet membri.

[13] Fir-rigward tal-kumitat tar-remunerazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għal-linji gwida tal-EBA dwar prattiki sodi ta' remunerazzjoni.

[14] Din it-taqsima għandha tinqara flimkien mal-linji gwida konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE.

[15] Kif definit fit-Taqsima 9.3 tal-linji gwida konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE.

51. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw, filwaqt li jitqies id-daqs tal-korp ta’ ġestjoni u tal-għadd ta’ membri indipendenti tal-korp ta’ ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu, li l-kumitati ma jkunux magħmula mill-istess grupp ta’ membri li jifforma kumitat ieħor.

52. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-possibilità tar-rotazzjoni okkażjonali tal-presidenti u tal-membri tal-kumitati, filwaqt li jitqiesu l-esperjenza, l-għarfien u l-ħiliet speċifiċi li individwalment jew kollettivament huma meħtieġa għal dawk il-kumitati.

53. Il-kumitati tar-riskju u tan-nomina għandhom ikunu magħmula minn membri mhux eżekuttivi tal-korp ta’ ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu tal-istituzzjoni kkonċernata. Il-kumitat tal-verifika għandu jkun magħmul skont l-Artikolu 41 tad-Direttiva 2006/43/KE[16]. Il-kumitat tar-remunerazzjoni għandu jkun magħmul skont it-Taqsima 2.4.1 tal-linji gwida tal-EBA dwar politiki sodi ta’ remunerazzjoni[17].

54. F’G-SIIs u O-SIIs, il-kumitat tan-nomina għandu jinkludi maġġoranza ta’ membri li huma indipendenti u għandu jkun ippresedut minn membru indipendenti. F’istituzzjonijiet sinifikanti oħra, determinati minn awtoritajiet kompetenti jew bil-liġi nazzjonali, il-kumitat tan-nomina għandu jinkludi għadd suffiċjenti ta’ membri li huma indipendenti; istituzzjonijiet bħal dawn jistgħu jqisu wkoll bħala l-aħjar prattika li l-kumitat tan-nomina jkun ippresedut minn membru indipendenti.

55. Il-membri tal-kumitat tan-nomina għandu jkollhom, b’mod individwali u kollettiv, għarfien, ħiliet u kompetenza xierqa dwar il-proċess tal-għażla u r-rekwiżiti ta’ idoneità kif stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE.

56. F’G-SIIs u O-SIIs, il-kumitat tar-riskju għandu jinkludi maġġoranza ta’ membri li huma indipendenti. F’G-SIIs u O-SIIs il-president tal-kumitat tar-riskju għandu jkun membru indipendenti. F’istituzzjonijiet sinifikanti oħra, determinati minn awtoritajiet kompetenti jew bil-liġi nazzjonali, il-kumitat tar-riskju għandu jinkludi għadd suffiċjenti ta’ membri li huma indipendenti u l-kumitat tar-riskju għandu jkun ippresedut, fejn possibbli, minn membru indipendenti. F’kull istituzzjoni, il-president tal-kumitat tar-riskju la għandu jkun il-president tal-korp ta’ ġestjoni u lanqas il-president ta’ xi kumitat ieħor.

57. Il-membri tal-kumitat tar-riskju għandu jkollhom, b’mod individwali u kollettiv, għarfien, ħiliet u kompetenza xierqa dwar prattiki ta’ ġestjoni u ta’ kontroll tar-riskji.

## 5.3 Proċessi tal-kumitati

58. Il-kumitati għandhom jirrapportaw regolarment għand il-korp ta’ ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu.

[16] Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87) kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2014/56/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014.

[17] Il-linji gwida tal-EBA dwar politiki sodi ta’ remunerazzjoni skont l-Artikoli 74(3) u 75(2) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-iżvelar skont l-Artikolu 450 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (EBA/GL/2015/22).

59. Il-kumitati għandhom jinteraġixxu ma' xulxin skont kif ikun xieraq. Mingħajr preġudizzju għall-Paragrafu 49, din l-interazzjoni tista' tieħu l-forma ta' parteċipazzjoni reċiproka sabiex il-president jew membru ta' kumitat jista' jkun ukoll membru ta' kumitat ieħor.

60. Il-membri tal-kumitati għandhom jidħlu f'diskussjonijiet miftuħa u kritiċi, li matulhom fehmiet diverġenti jiġu diskussi b'mod kostruttiv.

61. Il-kumitati għandhom jiddokumentaw l-aġendi tal-laqgħat tal-kumitati u r-riżultati u l-konklużjonijiet ewlenin tagħhom.

62. Il-kumitati tar-riskju u tan-nomina għandhom tal-anqas:

   a. ikollhom aċċess għall-informazzjoni u d-*data* rilevanti kollha meħtieġa biex iwettqu r-rwol tagħhom, inkluż informazzjoni u *data* minn funzjonijiet korporattivi u ta' kontroll rilevanti (eż. legali, finanzi, riżorsi umani, IT, awditjar intern, riskju, konformità, inkluż informazzjoni dwar il-konformità mal-AML/CTF u informazzjoni aggregata dwar rapporti ta' tranżazzjonijiet suspettużi, u fatturi ta' riskju ML/TF);

   b. jirċievu rapporti regolari, informazzjoni ad hoc, komunikazzjonijiet u opinjonijiet mill-kapijiet ta' funzjonijiet ta' kontroll intern dwar il-profil tar-riskju attwali tal-istituzzjoni, il-kultura tar-riskju tagħha u l-limiti tar-riskju tagħha, kif ukoll dwar kwalunkwe ksur materjali[18], li seta' seħħ, b'informazzjoni dettaljata u rakkomandazzjonijiet għal miżuri korrettivi meħuda, li għandhom jittieħdu jew suġġeriti biex dan jiġi indirizzat; perjodikament jirrieżaminaw u jiddeċiedu dwar il-kontenut, il-format u l-frekwenza tal-informazzjoni dwar ir-riskju li għandha tiġi rrapportata lilhom; u

   c. fejn meħtieġ, jiżguraw l-involviment xieraq tal-funzjonijiet ta' kontroll intern u ta' funzjonijiet rilevanti oħra (tar-riżorsi umani, legali, tal-finanzi) fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom u/jew ifittxu parir espert estern.

## 5.4 Rwol tal-kumitat tar-riskju

63. Fejn ikun stabbilit, il-kumitat tar-riskju għandu tal-anqas:

   a. jagħti pariri u jappoġġja lill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu dwar il-monitoraġġ tal-istrateġija tar-riskju u tal-predispożizzjoni għar-riskju attwali u futuri tal-istituzzjoni b'mod ġenerali, filwaqt li jitqies kull tip ta' riskju, sabiex jiġi żgurat li huma konformi mal-istrateġija kummerċjali, mal-objettivi, mal-kultura u mal-valuri korporattivi tal-istituzzjoni;

[18] Fir-rigward ta' ksur serju fil-qasam tal-AML/CTF. Jekk jogħġbok irreferi wkoll għal-Linji Gwida li għandhom jinħarġu skont l-Artikolu 117(6) tad-Direttiva 2013/36/UE, li jispeċifikaw il-mod ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet imsemmija fil-Paragrafu 5 ta' dan l-artikolu, b'mod partikolari fir-rigward ta' gruppi transfruntiera u fil-kuntest tal-identifikazzjoni ta' ksur serju tar-regoli kontra l-ħasil tal-flus.

b. jassisti lill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu fis-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tar-riskju tal-istituzzjoni u l-limiti korrispondenti stabbiliti;

c. jissorvelja l-implimentazzjoni tal-istrateġiji għall-ġestjoni tal-kapital u tal-likwidità kif ukoll għar-riskji rilevanti l-oħra kollha ta' istituzzjoni, bħal riskji tas-suq, ta' kreditu, operazzjonali (inklużi riskji legali u tal-IT) u reputazzjonali, sabiex tiġi vvalutata l-adegwatezza tagħhom meta mqabbla mal-istrateġija tar-riskju u l-predispożizzjoni għar-riskju approvata;

d. jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu dwar aġġustamenti meħtieġa fl-istrateġija tar-riskju bħala riżultat ta', fost oħrajn, tibdil fil-mudell kummerċjali tal-istituzzjoni, żviluppi fis-suq jew rakkomandazzjonijiet magħmula mill-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju;

e. jipprovdi pariri dwar il-ħatra ta' konsulenti esterni li l-funzjoni superviżorja tista' tiddeċiedi li tqabbad għal pariri jew appoġġ;

f. Jirrieżamina għadd ta' xenarji possibbli, inkluż xenarji ta' kriżi, sabiex jiġi vvalutat kif il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni jirreaġixxi għal avvenimenti esterni u interni;

g. jissorvelja l-allinjament bejn il-prodotti u s-servizzi finanzjarji materjali kollha offruti lill-klijenti kif ukoll il-mudell kummerċjali u l-istrateġija tar-riskju tal-istituzzjoni[19]. Il-kumitat tar-riskju għandu jivvaluta r-riskji assoċjati mal-prodotti u mas-servizzi finanzjarji offruti u jqis l-allinjament bejn il-prezzijiet assenjati u l-profitti miksuba minn dawk il-prodotti u servizzi; u

h. jivvaluta r-rakkomandazzjonijiet ta' awdituri interni jew esterni u jsegwi l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri meħuda.

64. Il-kumitat tar-riskju għandu jikkollabora ma' kumitati oħra li l-attivitajiet tagħhom jista' jkollhom impatt fuq l-istrateġija tar-riskju (eż. il-kumitati tal-awditjar u tar-remunerazzjoni) u jikkomunika regolarment mal-funzjonijiet ta' kontroll intern tal-istituzzjoni, b'mod partikolari mal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju.

65. Meta jkun stabbilit, il-kumitat tar-riskju għandu, mingħajr preġudizzju għall-kompiti tal-kumitat tar-remunerazzjoni, jeżamina jekk l-inċentivi pprovduti mill-politiki u mill-prattiki ta' remunerazzjoni jqisux ir-riskju, il-kapital u l-likwidità u l-probabbiltà u t-twaqqit tal-qligħ tal-istituzzjoni.

[19] Ara wkoll il-linji gwida tal-EBA dwar is-sorveljanza tal-prodotti u l-arranġamenti għall-governanza għal prodotti bankarji għall-konsumatur, disponibbli fuq http://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/consumer-protection-and-financial-innovation/guidelines-on-product-oversight-and-governance-arrangements-for-retail-banking-products.

## 5.5 Rwol tal-kumitat tal-awditjar

66. Skont id-Direttiva 2006/43/KE[20], fejn stabbilit, il-kumitat tal-awditjar għandu, fost oħrajn:

a. jimmonitorja l-effikaċja tas-sistema ta' kontroll intern tal-kwalità u tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni u, fejn applikabbli, l-uffiċċju tal-awditjar intern tagħha, fir-rigward tar-rapportar finanzjarju tal-istituzzjoni awditjata, mingħajr ma jikser l-indipendenza tiegħu;

b. jissorvelja l-istabbiliment ta' politiki kontabilistiċi mill-istituzzjoni;

c. jimmonitorja l-proċess ta' rapportar finanzjarju u jippreżenta r-rakkomandazzjonijiet bil-għan li tiġi żgurata l-integrità tiegħu;

d. jirrieżamina u jimmonitorja l-indipendenza tal-awdituri statutorji jew tad-ditti tal-awditjar skont l-Artikoli 22, 22a, 22b, 24a u 24b tad-Direttiva 2006/43/UE u l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 537/2014[21], u b'mod partikolari l-adegwatezza tal-provvista ta' servizzi mhux tal-awditjar lill-istituzzjoni awditjata skont l-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament;

e. jimmonitorja l-awditjar statutorju tar-rapporti finanzjarji annwali u konsolidati, b'mod partikolari l-prestazzjoni tiegħu, filwaqt li titqies kwalunkwe sejba u konklużjoni mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 26(6) tar-Regolament (UE) Nru 537/2014;

f. ikun responsabbli mill-proċedura għall-għażla ta' awditur(i) statutorju/statutorji estern(i) jew ta' ditta/ditti tal-awditjar u jippreżenta rakkomandazzjoni lill-korp kompetenti tal-istituzzjoni għall-approvazzjoni tiegħu dwar il-ħatra (skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 537/2014 ħlief meta jiġi applikat l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 537/2014), il-kumpens u t-tkeċċija tagħhom;

g. jirrieżaminal-kamp ta' applikazzjoni tal-awditjar u l-frekwenza tal-awditjar statutorju tal-kontijiet annwali jew konsolidati;

h. skont l-Artikolu 39(6)(a) tad-Direttiva 2006/43/UE, jgħarraf lill-korp amministrattiv jew superviżorju tal-entità awditjata bir-riżultat tal-awditjar statutorju u jispjega kif l-awditjar statutorju kkontribwixxa għall-integrità tar-rapportar finanzjarju u x'kien ir-rwol tal-kumitat tal-verifika f'dak il-proċess; u

[20] Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87) kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2014/56/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014.

[21] Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/909/KE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 77).

i. jilqa' u jqis ir-rapporti tal-awditjar.

### 5.6 Kumitati kkombinati

67. Skont l-Artikolu 76(3) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li istituzzjonijiet li mhumiex meqjusa sinifikanti jgħaqqdu l-kumitat tar-riskju ma', fejn ikun stabbilit, il-kumitat tal-awditjar kif imsemmi fl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2006/43/KE.

68. Fejn ikun hemm kumitat tar-riskju u tan-nomina stabbiliti f'istituzzjonijiet mhux sinifikanti, dawn jistgħu jgħaqqdu l-kumitati. Jekk jagħmlu dan, dawk l-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw ir-raġunijiet għaliex ikunu għażlu li jgħaqqdu l-kumitati u kif l-approċċ jissodisfa l-objettivi tal-kumitati.

69. L-istituzzjonijiet għandhom f'kull ħin jiżguraw li l-membri ta' kumitat magħqud ikollhom, individwalment u kollettivament, l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenza meħtieġa biex jifhmu bis-sħiħ id-dmirijiet li għandhom jitwettqu mill-kumitat ikkombinat[22].

# Titolu III – Qafas ta' governanza

## 6 Qafas u struttura organizzazzjonali

### 6.1 Qafas organizzazzjonali

70. Il-korp ta' ġestjoni ta' istituzzjoni għandu jiżgura struttura organizzazzjonali u operazzjonali xierqa u trasparenti għal dik l-istituzzjoni u għandu jkollu deskrizzjoni bil-miktub tagħha. L-istruttura għandha tippromwovi u turi l-ġestjoni effettiva u prudenti ta' istituzzjoni fuq livell individwali, subkonsolidat u konsolidat. Il-korp ta' ġestjoni għandu jiżgura li l-funzjonijiet ta' kontroll intern ikunu indipendenti mil-linji operatorji li jikkontrollaw, fosthom li jkun hemm segregazzjoni adegwata tad-dmirijiet, u li jkollhom ir-riżorsi finanzjarji u umani xierqa kif ukoll setgħat biex iwettqu r-rwol tagħhom b'mod effettiv. Il-linji ta' rapportar u l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet, b'mod partikolari fost id-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin, fi ħdan istituzzjoni għandhom ikunu ċari, definiti sew, koerenti, infurzabbli u debitament dokumentati. Id-dokumentazzjoni għandha tiġi aġġornata kif xieraq.

71. L-istruttura tal-istituzzjoni ma għandhiex timpedixxi l-kapaċità tal-korp ta' ġestjoni li jissorvelja u li jiġġestixxi b'mod effettiv ir-riskji li jiffaċċjaw l-istituzzjoni jew il-grupp jew il-kapaċità tal-awtorità kompetenti li tissorvelja l-istituzzjoni b'mod effettiv.

72. Il-korp ta' ġestjoni għandu jivvaluta jekk u kif tibdil materjali fl-istruttura tal-grupp (eż. l-istabbiliment ta' sussidjarji ġodda, fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet, bejgħ jew stralċ ta' partijiet tal-grupp, jew żviluppi esterni) jaffettwa s-solidità tal-qafas organizzazzjonali tal-istituzzjoni. Fejn jiġu identifikati nuqqasijiet, il-korp ta' ġestjoni għandu jagħmel l-aġġustamenti meħtieġa malajr.

[22] Ara wkoll il-linji gwida konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE.

## 6.2 Kun af l-istruttura tiegħek

73. Il-korp ta' ġestjoni għandu jkun jaf u jifhem sew l-istruttura legali, organizzazzjonali u operazzjonali tal-istituzzjoni ("kun af l-istruttura tiegħek") u jiżgura li hija konformi mal-istrateġija kummerċjali u tar-riskju u mal-predispożizzjoni għar-riskju tagħha u koperta mill-qafas ta' ġestjoni tar-riskju tagħha.

74. Il-korp ta' ġestjoni għandu jkun responsabbli mill-approvazzjoni ta' strateġiji u ta' politiki sodi għall-istabbiliment ta' strutturi ġodda. Meta istituzzjoni toħloq diversi entitajiet ġuridiċi fi ħdan il-grupp tagħha, l-għadd tagħhom u, b'mod partikolari, l-interkonnessjonijiet u t-tranżazzjonijiet bejniethom ma għandhomx joħolqu sfidi għat-tfassil tal-governanza interna tagħha, u għall-ġestjoni u għas-sorveljanza effettivi tar-riskji tal-grupp sħiħ. Il-korp ta' ġestjoni għandu jiżgura li l-istruttura ta' istituzzjoni u, fejn applikabbli, l-istrutturi fi grupp, filwaqt li jitqiesu l-kriterji speċifikati fit-Taqsima 7, huma ċari, effiċjenti u trasparenti għall-persunal tal-istituzzjoni, għall-azzjonisti u għall-partijiet ikkonċernati oħra u għall-awtorità kompetenti.

75. Il-korp ta' ġestjoni għandu jiggwida l-istruttura tal-istituzzjoni, l-evoluzzjoni u l-limitazzjonijiet tagħha u għandu jiżgura li l-istruttura hija ġustifikata u effiċjenti u ma tinvolvix kumplessità żejda jew mhux xierqa.

76. Il-korp ta' ġestjoni ta' istituzzjoni konsolidanti għandu jifhem mhux biss l-istruttura legali, organizzazzjonali u operazzjonali tal-grupp iżda anke l-għan u l-attivitajiet tal-entitajiet differenti tiegħu u r-rabtiet u r-relazzjonijiet bejniethom. Dan jinkludi fehim tar-riskji operazzjonali speċifiċi għall-grupp u skoperturi intragrupp kif ukoll il-mod kif il-finanzjament, il-kapital, il-likwidità u l-profili tar-riskju tal-grupp jistgħu jiġu affettwati f'ċirkostanzi normali u negattivi. Il-korp ta' ġestjoni għandu jiżgura l-kapaċità tal-istituzzjoni li tipproduċi informazzjoni dwar il-grupp b'mod propizju, dwar it-tip, il-karatteristiċi, l-organigramma, l-istruttura ta' sjieda u n-negozji ta' kull entità ġuridika, kif ukoll il-konformità tal-istituzzjonijiet fi ħdan il-grupp mar-rekwiżiti kollha ta' rapportar superviżorju fuq bażi individwali, subkonsolidata u konsolidata.

77. Il-korp ta' ġestjoni ta' istituzzjoni konsolidanti għandu jiżgura li l-entitajiet differenti tal-grupp (inkluż l-istituzzjoni konsolidanti nnifisha) jirċievu biżżejjed informazzjoni sabiex ikollhom perċezzjoni ċara tal-objettivi ġenerali, tal-istrateġiji u tal-profil tar-riskju tal-grupp u l-mod kif l-entità tal-grupp ikkonċernata hija inkorporata fl-istruttura u fil-funzjonament operazzjonali tal-grupp. Din l-informazzjoni u r-reviżjonijiet tagħha għandhom jiġu dokumentati u jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-funzjonijiet rilevanti kkonċernati, inkluż lill-korp ta' ġestjoni, lil-linji operatorji u lill-funzjonijiet ta' kontroll intern. Il-membri tal-korp ta' ġestjoni ta' istituzzjoni konsolidanti għandhom iżommu lilhom infushom infurmati dwar ir-riskji kkawżati mill-istruttura tal-grupp, filwaqt li jitiqiesu l-kriterji speċifikati fit-Taqsima 7 tal-linji gwida. Dan jinkludi li jirċievu:

   a. informazzjoni dwar motivaturi ewlenin tar-riskji;

b. rapporti regolari li jivvalutaw l-istruttura ġenerali tal-istituzzjoni u li jivvalutaw il-konformità tal-attivitajiet tal-entitajiet individwali mal-istrateġija approvata għall-grupp kollu; u

c. rapporti regolari dwar temi fejn il-qafas regolatorju jeħtieġ konformità fuq livell individwali, subkonsolidat u konsolidat.

## 6.3 Strutturi kumplessi u attivitajiet atipiċi jew mhux trasparenti

78. L-istituzzjonijiet għandhom jevitaw li jistabbilixxu strutturi kumplessi u potenzjalment mhux trasparenti. Fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom l-istituzzjonijiet għandhom iqisu r-riżultati ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa biex jiġi identifikat jekk dawn l-istrutturi jistgħux jintużaw għal skop marbut mal-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu jew ma' reati finanzjarji oħra kif ukoll il-kontrolli u l-qafas legali rispettivi fis-seħħ[23]. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet għandhom tal-anqas iqisu:

a. il-punt sa fejn il-ġurisdizzjoni li fiha ser tiġi stabbilita l-istruttura tikkonforma b'mod effettiv mal-istandards tal-UE u dawk internazzjonali dwar it-trasparenza fiskali, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu[24];

b. il-punt sa fejn l-istruttura sservi skop ekonomiku u legali ovvju;

c. il-punt sa fejn l-istruttura tista' tintuża biex tinħeba l-identità tas-sid benefiċjarju aħħari;

d. il-punt sa fejn it-talba tal-klijent li twassal għall-istabbiliment possibbli ta' struttura toħloq tħassib;

e. jekk l-istruttura tistax tfixkel sorveljanza xierqa mill-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni jew il-kapaċità tal-istituzzjoni li tiġġestixxi r-riskju relatat; u

f. jekk l-istruttura toħloqx ostakli għas-superviżjoni effettiva mill-awtoritajiet kompetenti.

79. Fi kwalunkwe każ, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jistabbilixxu strutturi opaki jew kumplessi bla bżonn li ma għandhom ebda raġuni ekonomika ċara jew skop legali jew strutturi ekonomiċi ċari li jistgħu jqajmu tħassib li dawn l-istrutturi jistgħu jintużaw għal skop marbut ma' kriminalità finanzjarja.

[23] Għal aktar dettalji dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-pajjiż u r-riskju assoċjat ma' prodotti u klijenti individwali, l-istituzzjonijiet għandhom jirreferu wkoll għal-linji gwida konġunti dwar il-fatturi ta' riskju ML/TF (EBA GL JC/2017/37) li bħalissa qed jiġu rieżaminati.

[24] Ara wkoll: https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/anti-money-laundering-and-e-money/rts-on-the-implementation-of-group-wide-aml/cft-policies-in-third-countries

80. Meta jistabbilixxi tali strutturi, il-korp ta' ġestjoni għandu jifhimhom u l-għan tagħhom u r-riskji partikolari assoċjati magħhom u jiżgura li l-funzjonijiet ta' kontroll intern huma involuti kif xieraq. Dawn l-istrutturi għandhom jiġu approvati u jinżammu biss meta l-għan tagħhom ikun ġie definit u mifhum b'mod ċar, u meta l-korp ta' ġestjoni jkun sodisfatt li jkunu ġew identifikati r-riskji materjali kollha, inkluż ir-riskji għar-reputazzjoni, li r-riskji kollha jistgħu jiġu ġestiti b'mod effettiv u jiġu rapportati b'mod xieraq, u li tkun ġiet żgurata sorveljanza effettiva. Aktar mal-istruttura organizzazzjonali u operazzjonali tkun kumplessa u opaka, u akbar ma jkunu r-riskji, aktar għandha tkun intensiva s-sorveljanza tal-istruttura.

81. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw id-deċiżjonijiet tagħhom u jkunu kapaċi jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti.

82. Il-korp ta' ġestjoni għandu jiżgura li jittieħdu azzjonijiet xierqa biex jiġu evitati jew jittaffew ir-riskji ta' attivitajiet f'dawn l-istrutturi. Dan jinkludi l-iżgurar li:

   a. l-istituzzjoni jkollha politiki u proċeduri u proċessi dokumentati adegwati fis-seħħ (eż. limiti applikabbli, flussi ta' informazzjoni) għall-konsiderazzjoni, il-konformità, l-approvazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' tali attivitajiet, b'kont meħud tal-konsegwenzi għall-istruttura organizzazzjonali u operazzjonali tal-grupp, il-profil tar-riskju tagħha u r-riskju reputazzjonali tagħha;

   b. informazzjoni li tikkonċerna dawn l-attivitajiet u r-riskji tagħhom hija aċċessibbli għall-istituzzjoni konsolidanti u għall-awdituri interni u esterni u tiġi rrapportata lill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu u lill-awtorità kompetenti li tkun tat l-awtorizzazzjoni; u

   c. l-istituzzjoni teżamina perjodikament il-ħtieġa li jkomplu jinżammu tali strutturi.

83. Dawn l-istrutturi u l-attivitajiet, inkluż il-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni u ma' standards professjonali, għandhom ikunu soġġetti għal rieżami regolari mill-uffiċċju tal-awditjar intern abbażi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

84. L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-istess miżuri ta' ġestjoni tar-riskju bħal fil-każ tal-attivitajiet kummerċjali propji tal-istituzzjoni meta jwettqu attivitajiet atipiċi jew mhux trasparenti għall-klijenti (eż. jgħinu lill-klijenti jistabbilixxu veikoli f'ġurisdizzjonijiet offshore, jiżviluppaw strutturi kumplessi, jiffinanzjawlhom tranżazzjonijiet jew jipprovdulhom servizzi fiduċjarji) li joħolqu sfidi simili ta' governanza interna u joħolqu riskji operazzjonali u reputazzjonali sinifikanti. B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw ir-raġuni għaliex il-klijent irid jistabbilixxi struttura partikolari.

# 7 Qafas organizzazzjonali f'kuntest ta' grupp

85. Skont l-Artikolu 109(2) tad-Direttiva 2013/36/UE, impriżi prinċipali u sussidjarji soġġetti għal dik id-direttiva għandhom jiżguraw li l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi ta' governanza jkunu konsistenti u integrati tajjeb fuq bażi konsolidata u subkonsolidata. Għal dan il-għan, l-

impriżi prinċipali u s-sussidjarji fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni prudenzjali għandhom jimplimentaw tali arranġamenti, proċessi u mekkaniżmi fis-sussidjarji tagħhom li mhumiex soġġetti għad-Direttiva 2013/36/UE, inklużi dawk stabbiliti f'pajjiżi terzi, inkluż f'ċentri finanzjarji offshore, biex jiġu żgurati arranġamenti robusti ta' governanza fuq bażi konsolidata u subkonsolidata. Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' remunerazzjoni japplikaw xi eċċezzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 109(4) u (5)[25]. Il-funzjonijiet kompetenti fi ħdan l-istituzzjoni konsolidanti u fis-sussidjarji tagħha għandhom jinteraġixxu u jiskambjaw *data* u informazzjoni kif xieraq. L-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi ta' governanza għandhom jiżguraw li l-istituzzjoni konsolidanti jkollha *data* u informazzjoni suffiċjenti u tkun tista' tivvaluta l-profil tar-riskju għall-grupp kollu, kif spjegat fit-Taqsima 6.2.

86. Il-korp ta' ġestjoni ta' sussidjarja li huwa soġġett għad-Direttiva 2013/36/UE għandu jadotta u jimplimenta fuq il-livell individwali l-politiki ta' governanza applikabbli għall-grupp kollu stabbiliti fil-livell konsolidat jew subkonsolidat, b'mod konformi mar-rekwiżiti speċifiċi kollha skont il-liġi nazzjonali u d-dritt tal-UE.

87. Fil-livell konsolidat u dak subkonsolidat, l-istituzzjoni konsolidanti għandha tiżgura li l-istituzzjonijiet u l-entitajiet kollha fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni prudenzjali, inkluż is-sussidjarji tagħhom li mhumiex soġġetti għad-Direttiva 2013/36/UE jaderixxu mal-politiki ta' governanza u l-qafas ta' kontroll intern għall-grupp kollu kif imsemmi fit-Titolu V. Meta timplimenta politiki ta' governanza, l-istituzzjoni konsolidanti għandha tiżgura li jkun hemm arranġamenti robusti ta' governanza fis-seħħ għal kull sussidjarja u tqis arranġamenti, proċessi u mekkaniżmi speċifiċi fejn l-attivitajiet kummerċjali ma jkunux organizzati f'entitajiet ġuridiċi separati iżda f'matriċi ta' linji operatorji li tinkludi diversi entitajiet ġuridiċi.

88. Istituzzjoni konsolidanti għandha tqis l-interessi tas-sussidjarji kollha tagħha, u l-mod kif l-istrateġiji u l-politiki jikkontribwixxu għall-interess ta' kull sussidjarja u l-interess tal-grupp kollu fit-tul.

89. L-impriżi prinċipali u s-sussidjarji tagħhom għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet u l-entitajiet fi ħdan il-grupp jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji speċifiċi kollha fi kwalunkwe ġurisdizzjoni rilevanti.

90. L-istituzzjoni konsolidanti għandha tiżgura li sussidjarji stabbiliti f'pajjiżi terzi, u li huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni prudenzjali, jkollhom arranġamenti, proċessi u mekkaniżmi ta' governanza fis-seħħ li huma konsistenti mal-politiki ta' governanza għall-grupp kollu u jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikoli 74 sa 96 tad-Direttiva 2013/36/UE u ma' dawn il-linji gwida, sakemm dan ma jkunx illegali skont il-liġijiet tal-pajjiż terz.

91. Ir-rekwiżiti ta' governanza tad-Direttiva 2013/36/UE u d-dispożizzjonijiet f'dawn il-linji gwida japplikaw għall-istituzzjonijiet indipendentement mill-fatt li jistgħu jkunu sussidjarji ta' impriża prinċipali f'pajjiż terz. Meta sussidjarja ta' impriża prinċipali tal-UE f'pajjiż terz tkun istituzzjoni konsolidanti, il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni prudenzjali ma jinkludix il-livell tal-

[25] Jekk jogħġbok irreferi wkoll għal-linji gwida tal-EBA dwar politiki sodi ta' remunerazzjoni

impriża prinċipali li tinsab f'pajjiż terz u sussidjarji diretti oħrajn ta' dik l-impriża prinċipali. L-istituzzjoni konsolidanti għandha tiżgura li l-politika ta' governanza tal-grupp kollu tal-istituzzjoni prinċipali f'pajjiż terz titqies fi ħdan il-politika ta' governanza tagħha stess sakemm dan ma jmurx kontra r-rekwiżiti stabbiliti fid-dritt rilevanti tal-UE, inkluż fid-Direttiva 2013/36/UE u l-ispeċifikazzjonijiet ulterjuri f'dawn il-linji gwida.

92. Meta jistabbilixxu politiki u jiddokumentaw arranġamenti ta' governanza, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-aspetti elenkati fl-Anness 1 għal-linji gwida. Filwaqt li l-politiki u d-dokumentazzjoni jistgħu jkunu inklużi f'dokumenti separati, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw li jgħaqduhom flimkien jew jirreferu għalihom f'dokument qafas uniku ta' governanza.

# 8 Politika ta' esternalizzazzjoni[26]

93. Il-korp ta' ġestjoni għandu japprova u jirrieżamina u jaġġorna fuq bażi regolari l-politika ta' esternalizzazzjoni ta' istituzzjoni, u jiżgura li t-tibdil xieraq jiġi implimentat f'waqtu.

94. Il-politika ta' esternalizzazzjoni għandha tqis l-impatt tal-esternalizzazzjoni fuq in-negozju ta' istituzzjoni u r-riskju li tiffaċċja (bħal riskji operazzjonali, fosthom riskji legali u tal-IT; riskji għar-reputazzjoni; u riskji tal-konċentrazzjoni). Il-politika għandha tinkludi l-arranġamenti ta' rapportar u ta' monitoraġġ li għandhom jiġu implimentati mit-tnedija sat-tmiem ta' ftehim ta' esternalizzazzjoni (inkluż it-tfassil tal-każ kummerċjali għal esternalizzazzjoni, l-iffirmar ta' kuntratt ta' esternalizzazzjoni, l-implimentazzjoni tal-kuntratt sal-iskadenza tiegħu, pjanijiet ta' kontinġenza u strateġiji ta' ħruġ). Istituzzjoni tibqa' kompletament responsabbli mis-servizzi u mill-attivitajiet esternalizzati kollha u mid-deċiżjonijiet ta' ġestjoni li joħorġu minnhom. Għaldaqstant, il-politika ta' esternalizzazzjoni għandha tagħmilha ċara li l-esternalizzazzjoni ma teħlisx lill-istituzzjoni mill-obbligi regolatorji tagħha u mir-responsabbiltajiet tagħha lejn il-klijenti tagħha.

95. Il-politika għandha tiddikjara li l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni ma għandhomx ifixklu s-superviżjoni effettiva fuq il-post u mhux fuq il-post tal-istituzzjoni u ma għandhom jiksru l-ebda restrizzjoni superviżorja fuq is-servizzi u l-attivitajiet. Il-politika għandha tkopri wkoll l-esternalizzazzjoni intragrupp (jiġifieri servizzi pprovduti minn entità ġuridika separata fi ħdan grupp ta' istituzzjoni) u tqis kwalunkwe ċirkostanza speċifika tal-grupp.

# Titolu IV – Kultura tar-riskju u kondotta kummerċjali

# 9 Kultura tar-riskju

96. Kultura tar-riskju soda, diliġenti u konsistenti għandha tkun element ewlieni tal-ġestjoni effettiva tar-riskji tal-istituzzjonijiet u għandha tippermetti lill-istituzzjonijiet jieħdu deċiżjonijiet għaqlin u infurmati.

[26] Ara wkoll: il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni disponibbli fuq: https://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/internal-governance/guidelines-on-outsourcing-arrangements

97. L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw kultura tar-riskju integrata u mifruxa madwar l-istituzzjoni kollha, ibbażata fuq fehim sħiħ u approċċ olistiku tar-riskji li jiffaċċjaw u kif inhuma ġestiti, filwaqt li jitqies il-predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni.

98. L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw kultura tar-riskju permezz ta' politiki, komunikazzjoni u taħriġ tal-persunal fir-rigward tal-attivitajiet, l-istrateġija u l-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet, u għandhom jadattaw il-komunikazzjoni u t-taħriġ tal-persunal biex jitqiesu r-responsabbiltajiet tal-persunal fir-rigward tat-teħid ta' riskji u l-ġestjoni tar-riskji.

99. Il-persunal għandu jkun kompletament konxju mir-responsabbiltajiet tiegħu relatati mal-ġestjoni tar-riskji. Il-ġestjoni tar-riskji ma għandhiex tkun limitata għal speċjalisti tar-riskji jew għal funzjonijiet ta' kontroll intern. L-unitajiet operatorji, taħt is-sorveljanza tal-korp ta' ġestjoni, għandhom ikunu primarjament responsabbli mill-ġestjoni tar-riskji fuq bażi ta' kuljum skont il-politiki, il-proċeduri u l-kontrolli tal-istituzzjoni, filwaqt li jitqiesu l-predispożizzjoni għar-riskju u l-kapaċità għar-riskju tal-istituzzjoni.

100. Kultura tar-riskju b'saħħitha għandha tinkludi iżda mhux neċessarjament tkun limitata għal:

a. It-ton minn fuq: il-korp ta' ġestjoni għandu jkun responsabbli mill-istabbiliment u mill-komunikazzjoni tal-valuri fundamentali u tal-aspettattivi tal-istituzzjoni. L-imġiba tal-membri tagħha għandha tirrifletti l-valuri. Il-maniġment tal-istituzzjonijiet, inkluż id-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin, għandu jikkontribwixxi għall-komunikazzjoni interna tal-valuri fundamentali u tal-aspettattivi lill-persunal. Il-persunal għandu jaġixxi skont il-liġijiet u r-regolamenti kollha applikabbli u jirreferi minnufih nuqqas ta' konformità osservata fi ħdan jew barra mill-istituzzjoni (eż. lill-awtorità kompetenti permezz ta' proċess ta' żvelar ta' informazzjoni protetta). Il-korp ta' ġestjoni għandu fuq bażi kontinwa jippromwovi, jimmonitorja u jivvaluta l-kultura tar-riskju tal-istituzzjoni; iqis l-impatt tal-kultura tar-riskju fuq l-istabbiltà finanzjarja, fuq il-profil tar-riskju u fuq il-governanza robusta tal-istituzzjoni; u jagħmel tibdil fejn meħtieġ.

b. Responsabbiltà: il-persunal rilevanti fil-livelli kollha għandu jkun jaf u jifhem il-valuri fundamentali tal-istituzzjoni u, sa fejn ikun meħtieġ għar-rwol tiegħu, il-predispożizzjoni għar-riskju u l-kapaċità għar-riskju tagħha. Għandu jkun kapaċi jwettaq ir-rwol tiegħu u jkun konxju li ser jinżamm responsabbli mill-azzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-imġiba ta' teħid tar-riskji tal-istituzzjoni.

c. Komunikazzjoni u kontestazzjoni effettivi: kultura tar-riskju b'saħħitha għandha tippromwovi ambjent ta' komunikazzjoni miftuħa u kontestazzjoni effettiva li fih il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet jinkoraġġixxu firxa wiesgħa ta' fehmiet, jippermettu ttestjar ta' prattiki kurrenti, jistimulaw attitudni kritika u kostruttiva fost il-persunal, u jippromwovu ambjent ta' impenn miftuħ u kostruttiv fl-organizzazzjoni kollha.

d. Inċentivi: inċentivi xierqa għandu jkollhom rwol ewlieni fl-allinjament tal-imġiba tat-teħid ta' riskji mal-profil tar-riskju tal-istituzzjoni u mal-interess fit-tul tagħha[27].

# 10 Valuri korporattivi u kodiċi ta' kondotta

101. Il-korp ta' ġestjoni għandu jiżviluppa, jadotta, jaderixxi ma' u jippromwovi standards etiċi u professjonali għoljin, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tal-istituzzjoni, u għandu jiżgura l-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards (permezz ta' kodiċi ta' kondotta jew ta' strument simili). Għandu jissorvelja wkoll l-aderenza tal-persunal ma' dawn l-istandards. Fejn applikabbli, il-korp ta' ġestjoni jista' jadotta u jimplimenta l-istandards tal-grupp jew standards komuni dikjarati mill-assoċjazzjonijiet jew minn organizzazzjonijiet oħra rilevanti.

102. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni tal-persunal fuq bażi ta' ġeneru, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, fatturi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kull opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.

103. Il-politiki tal-istituzzjonijiet għandhom ikunu newtrali għall-ġeneru. Dan jinkludi, iżda mhuwiex limitat għar-remunerazzjoni, il-politiki ta' reklutaġġ, l-iżvilupp tal-karriera u l-pjanijiet ta' suċċessjoni, l-aċċess għat-taħriġ u l-kapaċità li wieħed japplika għal pożizzjonijiet vakanti interni. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw opportunitajiet indaqs[28] għall-persunal kollu indipendenti mill-ġeneru tagħhom, inkluż fir-rigward tal-perspettivi tal-karriera u jimmiraw li jtejbu r-rappreżentanza tal-ġeneru sottorappreżentat f'pożizzjonijiet fi ħdan il-korp ta' ġestjoni kif ukoll fil-grupp ta' persunal li għandu responsabbiltajiet maniġerjali kif definit fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (standards tekniċi regolatorji (RTS) dwar il-persunal identifikat).[29] L-istituzzjonijiet għandhom jimmonitorjaw l-iżvilupp tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa b'mod separat għall-persunal identifikat (esklużi l-membri tal-korp ta' ġestjoni), il-membri tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni maniġerjali tiegħu, il-membri tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja u persunal ieħor. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom politiki li jiffaċilitaw l-integrazzjoni mill-ġdid tal-persunal wara liv tal-maternità, tal-paternità jew tal-ġenituri.

104. L-għan tal-istandards implimentati għandu jkun li jtejbu l-arranġamenti robusti ta' governanza tal-istituzzjoni u li jnaqqsu r-riskji li għalihom hija esposta l-istituzzjoni, b'mod partikolari r-riskji operazzjonali u ta' reputazzjoni, li jista' jkollhom impatt negattiv konsiderevoli fuq il-profittabilità u s-sostenibbiltà ta' istituzzjoni minħabba multi, spejjeż ta' litigazzjoni, restrizzjonijiet imposti minn awtoritajiet kompetenti, penali finanzjarji u kriminali oħrajn, kif ukoll it-telf tal-valur tal-marka u tal-fiduċja tal-konsumaturi.

---

[27] Jekk jogħġbok irreferi wkoll għal-linji gwida tal-EBA dwar politiki sodi ta' remunerazzjoni skont l-Artikoli 74(3) u 75(2) tad-Direttiva 2013/36/UE u divulgazzjonijiet skont l-Artikolu 450 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (EBA/GL/2015/22), disponibbli fuq https://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/remuneration.

[28] Ara wkoll id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol

[29] Ara wkoll il-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki ta' remunerazzjoni newtrali għall-ġeneru

105. Il-korp ta’ ġestjoni għandu jkollu politiki ċari u dokumentati dwar kif għandhom jintlaħqu dawn l-istandards. Dawn il-politiki għandhom:

a. ifakkru lill-persunal li l-attivitajiet kollha tal-istituzzjoni għandhom isiru skont il-liġi applikabbli u skont il-valuri korporattivi tal-istituzzjoni;

b. jippromwovu sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji permezz ta’ kultura tar-riskju b’saħħitha f’konformità mat-Taqsima 9 tal-linji gwida, li jwasslu l-aspettattiva tal-korp ta’ ġestjoni li l-attivitajiet ma jmorrux lil hinn mill-predispożizzjoni għar-riskju definit u l-limiti definiti mill-istituzzjoni u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-persunal;

c. jistabbilixxu prinċipji dwar u jipprovdu eżempji ta’ mġiba aċċettabbli u mhux aċċettabbli marbuta b’mod partikolari ma’ rapportar finanzjarju ħażin u ma’ kondotta finanzjarja ħażina, ma’ reati ekonomiċi u finanzjarji inkluż iżda mhux limitat għall-frodi, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ML/TF), prattiki antitrust, sanzjonijiet finanzjarji, tixħim u korruzzjoni, manipulazzjoni tas-suq, bejgħ ħażin u ksur ieħor tal-liġijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, reati tat-taxxa, kemm jekk imwettqa direttament jew indirettament, inkluż permezz ta’ skemi illegali jew ipprojbiti ta’arbitraġġ tad-dividendi;

d. jiċċaraw li minbarra l-konformità mar-rekwiżiti legali u regolatorji u mal-politiki interni, il-persunal huwa mistenni jġib ruħu b’onestà u b’integrità u jwettaq id-dmirijiet tiegħu bil-ħila, bl-attenzjoni u bid-diliġenza dovuta; u

e. jiżguraw li l-persunal ikun konxju mill-azzjonijiet dixxiplinarji interni u esterni, azzjonijiet legali u sanzjonijiet potenzjali li jistgħu jsegwu kondotta ħażina u mġiba inaċċettabbli.

106. L-istituzzjonijiet għandhom jimmonitorjaw il-konformità ma’ dawn l-istandards u jiżguraw is-sensibilizzazzjoni tal-persunal, eż. billi jipprovdu taħriġ. L-istituzzjonijiet għandhom jiddefinixxu l-funzjoni responsabbli mill-monitoraġġ tal-konformità u mill-valutazzjoni tal-ksur tal-kodiċi ta’ kondotta jew ta’ strumenti simili kif ukoll proċess biex jiġu trattati kwistjonijiet ta’ nonkonformità. Ir-riżultati għandhom jiġu rrapportati perjodikament lill-korp ta’ ġestjoni.

## 11 Politika dwar il-kunflitt ta’ interess fuq livell istituzzjonali

107. Il-korp ta’ ġestjoni għandu jkun responsabbli mill-istabbiliment, mill-approvazzjoni u mis-sorveljanza tal-implimentazzjoni u taż-żamma ta’ politiki effettivi għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, il-ġestjoni u l-mitigazzjoni jew il-prevenzjoni ta’ kunflitti ta’ interess attwali u potenzjali fuq livell istituzzjonali, eż. bħala riżultat tad-diversi attivitajiet u rwoli tal-istituzzjoni, ta’ istituzzjonijiet differenti fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ konsolidazzjoni prudenzjali jew ta’ linji jew unitajiet operatorji differenti fi ħdan istituzzjoni, jew fir-rigward ta’ partijiet ikkonċernti esterni.

108. L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu, skont l-arranġamenti organizzazzjonali u amministrattivi tagħhom, miżuri adegwati biex jiġi evitat li l-kunflitti ta' interess ikollhom effett negattiv fuq l-interessi tal-klijenti tagħhom.

109. Il-miżuri tal-istituzzjonijiet għall-ġestjoni jew, fejn xieraq għall-mitigazzjoni ta' kunflitti ta' interess għandhom ikunu dokumentati u għandhom jinkludu, fost oħrajn:

a. segregazzjoni xierqa tad-dmirijiet, eż. persuni differenti jiġu fdati b'attivitajiet kunfliġġenti fl-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet jew fl-għoti ta' servizzi lil persuni differenti, jew persuni differenti jiġu fdati b'responsabbiltajiet superviżorji u ta' rapportar ta' attivitajiet kunfliġġenti;

b. l-istabbiliment ta' ostakli għall-informazzjoni, eż. permezz tas-separazzjoni fiżika ta' ċerti linji jew unitajiet operatorji.

## 12 Politika dwar il-kunflitt ta' interess għall-persunal[30]

110. Il-korp ta' ġestjoni għandu jkun responsabbli mill-istabbiliment, mill-approvazzjoni u mis-sorveljanza tal-implimentazzjoni u taż-żamma ta' politiki effettivi għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, il-ġestjoni u l-mitigazzjoni ta' kunflitti ta' interess attwali u potenzjali bejn l-interessi tal-istituzzjoni u l-interessi privati tal-persunal, inkluż tal-membri tal-korp ta' ġestjoni, li jistgħu jinfluwenzaw ħażin it-twettiq tad-doveri u tar-responsabbiltajiet tagħhom. Istituzzjoni konsolidanti għandha tqis l-interessi fi ħdan politika ta' kunflitt ta' interess għall-grupp kollu fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata.

111. L-għan tal-politika għandu jkun li jiġu identifikati kunflitti ta' interess tal-persunal, inkluż l-interessi tal-eqreb membri tal-familja tagħhom. L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-fatt li kunflitti ta' interess ma jinħolqux biss minn relazzjonijiet professjonali jew personali attwali iżda anke minn dawk passati. Fejn jitfaċċaw kunflitti ta' interess, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw il-materjalità tagħhom u jiddeċiedu u jimplimentaw miżuri ta' mitigazzjoni, kif xieraq.

112. Fir-rigward ta' kunflitti ta' interess li jistgħu jirriżultaw minn relazzjonijiet passati, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu perjodu ta' żmien xieraq li għalih jixtiequ li l-persunal jirrapporta tali kunflitti ta' interess, fuq il-bażi li dawn xorta jista' jkollhom impatt fuq l-imġiba u fuq il-parteċipazzjoni tal-persunal fit-teħid ta' deċiżjonijiet.

113. Il-politika għandha tkopri tal-anqas is-sitwazzjonijiet jew ir-relazzjonijiet li ġejjin fejn jista' jkun hemm kunflitti ta' interess:

a. interessi ekonomiċi (eż. ishma, drittijiet ta' sjieda u sħubiji oħra, parteċipazzjoni finanzjarja u interessi ekonomiċi oħra fi klijenti kummerċjali, drittijiet ta' proprjetà

[30] Din it-taqsima għandha tinqara flimkien mal-linji gwida konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE.

intellettwali, self mogħti mill-istituzzjoni lil kumpanija proprjetà ta' persunal, sħubija f'korp jew sjieda ta' korp jew ta' entità b'interessi kunfliġġenti);

b. relazzjonijiet personali jew professjonali mas-sidien ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti fl-istituzzjoni;

c. relazzjonijiet personali jew professjonali mal-persunal tal-istituzzjoni jew tal-entitajiet inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni prudenzjali (eż. relazzjonijiet familjari);

d. impjieg ieħor u impjiegi preċedenti fil-passat riċenti (eż. ħames snin);

e. relazzjonijiet personali jew professjonali ma' partijiet ikkonċernati esterni rilevanti (eż. assoċjazzjoni ma' fornituri materjali, konsulenzi jew fornituri ta' servizzi oħra); u

f. influwenza politika jew relazzjonijiet politiċi.

114. Minkejja dak li ntqal hawn fuq, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-fatt li jekk membru tal-persunal ikun azzjonist ta' istituzzjoni jew ikollu kontijiet privati jew self ma' istituzzjoni oħra jew juża servizzi oħra ta' istituzzjoni, dan ma għandux iwassal għal sitwazzjoni fejn il-persunal jitqies li għandu kunflitt ta' interess jekk jibqa' fi ħdan limitu de minimis xieraq.

115. Il-politika għandha tistabbilixxi l-proċessi għar-rapportar u għall-komunikazzjoni lill-funzjoni responsabbli taħt il-politika. Il-persunal għandu jkollu d-dmir li jiżvela minnufih internament kwalunkwe kwistjoni li tista' tirriżulta, jew li tkun diġà rriżultat, f'kunflitt ta' interess.

116. Il-politika għandha tiddistingwi bejn kunflitti ta' interess li jippersistu u li jeħtieġ li jiġu ġestiti b'mod permanenti u kunflitti ta' interess li jseħħu mingħajr ma jkun mistenni fir-rigward ta' avveniment uniku (eż. tranżazzjoni, l-għażla ta' fornitur ta' servizz, eċċ.) u li ġeneralment jistgħu jiġu ġestiti b'miżura ta' darba. F'kull ċirkostanza, l-interess tal-istituzzjoni għandu jkun ċentrali għad-deċiżjonijiet meħuda.

117. Il-politika għandha tistabbilixxi proċeduri, miżuri, elementi ta' dokumentazzjoni u responsabbiltajiet għall-identifikazzjoni u għall-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess, għall-valutazzjoni tal-materjalità tagħhom u għat-teħid ta' miżuri mitiganti. Tali proċeduri, elementi, responsabbiltajiet u miżuri għandhom jinkludu:

a. li attivitajiet jew tranżazzjonijiet kunfliġġenti jiġu fdati lil persuni differenti;

b. li persunal li jkun attiv ukoll barra mill-istituzzjoni ma jitħalliex ikollu influwenza mhux xierqa fl-istituzzjoni fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet oħra;

c. li tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-membri tal-korp ta' ġestjoni biex jastjenu milli jivvotaw dwar kwalunkwe kwistjoni fejn membru għandu jew jista' jkollu kunflitt ta'

interess jew meta l-oġġettività tal-membru jew il-kapaċità tiegħu li jwettaq sew id-dmirijiet lejn l-istituzzjoni tista' tkun kompromessa b'xi mod ieħor;

d. li l-membri tal-korp ta' ġestjoni ma jitħallewx iżommu direttorati f'istituzzjonijiet kompetituri, sakemm ma jkunux fi ħdan istituzzjonijiet li jappartjenu għall-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati b'mod permanenti ma' korp ċentrali, kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew istituzzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni prudenzjali.

118. Il-politika għandha tkopri b'mod speċifiku r-riskju ta' kunflitti ta' interess fil-livell tal-korp ta' ġestjoni u tipprovdi biżżejjed gwida dwar l-identifikazzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess li jistgħu jfixklu l-kapaċità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni li jieħdu deċiżjonijiet oġġettivi u imparzjali fl-aħjar interessi tal-istituzzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-fatt li kunflitti ta' interess jista' jkollhom impatt fuq l-indipendenza tal-ħsieb tal-membri tal-korp ta' ġestjoni[31].

119. Meta jimmitigaw il-kunflitti ta' interess identifikati tal-membri tal-korp ta' ġestjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw il-miżuri meħuda, inkluż ir-raġunament dwar kif dawn huma effettivi biex jiżguraw teħid ta' deċiżjonijiet oġġettivi.

120. Kunflitti ta' interess attwali jew potenzjali li jkunu ġew divulgati lill-funzjoni responsabbli fi ħdan l-istituzzjoni għandhom jiġu vvalutati u ġestiti b'mod xieraq. Jekk jiġi identifikat kunflitt ta' interess tal-persunal, l-istituzzjoni għandha tiddokumenta d-deċiżjoni meħuda, b'mod partikolari jekk il-kunflitt ta' interess u r-riskji relatati jkunu ġew aċċettati, u jekk ikun ġie aċċettat, il-mod kif dan il-kunflitt ta' interess ikun ġie mitigat jew rimedjat b'mod sodisfaċenti.

121. Kull kunflitt ta' interess attwali u potenzjali fil-livell tal-korp ta' ġestjoni, individwalment u kollettivament, għandu jiġi dokumentat b'mod xieraq, jiġi kkomunikat lill-korp ta' ġestjoni, u jiġi diskuss, deċiż u debitament ġestit mill-korp ta' ġestjoni.

## 12.1 Politika dwar il-kunflitt ta' interess fil-kuntest ta' self u tranżazzjonijiet oħra ma' membri tal-korp ta' ġestjoni u l-partijiet relatati tagħhom

122. Bħala parti mill-politiki tagħhom dwar il-kunflitti ta' interess għall-persunal (it-Taqsima 12) u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess tal-membri tal-korp ta' ġestjoni kif stabbilit fil-Paragrafu 117, il-korp ta' ġestjoni għandu jistabbilixxi qafas għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fil-kuntest tal-għoti ta' self u d-dħul fi tranżazzjonijiet oħra (eż. fatturazzjoni, lokazzjoni, tranżazzjonijiet ta' proprjetà, eċċ.) ma' membri tal-korp ta' ġestjoni u l-partijiet relatati tagħhom.

[31] Ara wkoll il-linji gwida konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE.

123. Mingħajr preġudizzju għat-traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva 2013/36/UE [32], l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw kategoriji addizzjonali ta’ partijiet relatati li għalihom japplikaw, b’mod sħiħ jew parzjali, il-qafas tal-kunflitti ta’ interess tagħhom fir-rigward ta’ self u tranżazzjonijiet oħra.

124. Il-qafas tal-kunflitti ta’ interess għandu jiżgura li d-deċiżjonijiet rigward l-għoti ta’ self u d-dħul fi tranżazzjonijiet oħra ma’ membri tal-korp ta’ ġestjoni u l-partijiet relatati tagħhom jittieħdu b’mod oġġettiv, mingħajr influwenza mhux xierqa minn kunflitti ta’ interess u bħala prinċipju ġenerali jitwettqu f’kundizzjonijiet ta’ kompetizzjoni ġusta.

125. Il-korp ta’ ġestjoni għandu jistabbilixxi l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet applikabbli għall-għoti ta’ self lil u d-dħul fi tranżazzjonijiet oħra ma’ membri tal-korp ta’ ġestjoni u l-partijiet relatati tagħhom. Dan il-qafas jista’ jipprovdi għal differenzjazzjoni bejn tranżazzjonijiet standard tan-negozju[33] li jsiru fil-perkors normali tan-negozju u konklużi b’termini normali tas-suq u self u tranżazzjonijiet tal-persunal, li jiġu konklużi b’kundizzjonijiet disponibbli għall-persunal kollu. Barra minn hekk, il-qafas tal-kunflitti ta’ interess u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet jistgħu jiddifferenzjaw bejn self materjali u mhux materjali u tranżazzjonijiet oħra, tipi differenti ta’ self u tranżazzjonijiet oħra u l-livell ta’ kunflitti ta’ interess attwali jew potenzjali li jistgħu joħolqu.

126. Bħala parti mill-qafas tal-kunflitti ta’ interess, il-korp ta’ ġestjoni għandu jistabbilixxi limiti xierqa (eż. għal kull tip ta’ prodott, jew skont il-kundizzjonijiet) li ’l fuq minnhom is-self jew tranżazzjoni oħra ma’ membru tal-korp ta’ ġestjoni jew il-partijiet relatati tiegħu dejjem teħtieġ l-approvazzjoni mill-korp ta’ ġestjoni. Deċiżjonijiet dwar self materjali jew tranżazzjonijiet materjali oħra ma’ membri tal-korp ta’ ġestjoni li mhumiex qed jiġu konklużi skont termini normali tas-suq, iżda dwar kundizzjonijiet disponibbli għall-persunal kollu, għandhom dejjem isiru mill-korp ta’ ġestjoni.

127. Il-membru tal-korp ta’ ġestjoni li jibbenefika minn tali self materjali jew tranżazzjoni materjali oħra jew il-membru li huwa relatat mal-kontroparti, ma għandux ikun involut fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

128. Meta jiddeċiedu dwar self jew tranżazzjoni oħra ma’ membru tal-korp ta’ ġestjoni jew il-partijiet relatati tagħhom, qabel ma jieħdu deċiżjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw ir-riskju li għalih l-istituzzjoni tista’ tkun esposta minħabba t-tranżazzjoni.

129. Fejn is-self jiġi rranġat bħala linja ta’ kreditu (eż. overdrafts), id-deċiżjoni inizjali u l-emendi tagħha għandhom jiġu ddokumentati. Kwalunkwe użu ta’ tali faċilitajiet ta’ kreditu miftiehma fil-limiti miftiehma ma għandux jitqies bħala deċiżjoni ġdida dwar self lil membru tal-korp ta’ ġestjoni jew il-parti relatata tagħhom. Meta emenda ta’ linja ta’ kreditu tkun materjali f’konformità mal-politika tal-istituzzjoni, għandhom isiru valutazzjoni u deċiżjoni ġodda.

[32] Jekk jogħġbok irreferi wkoll għall-Prinċipju Ewlieni ta’ Basel Nru 20

[33] It-tranżazzjonijiet tan-negozju jinkludu self u tranżazzjonijiet oħra (eż. lokazzjoni, fatturazzjoni, servizzi fil-kuntest ta’ offerti pubbliċi inizjali (IPOs), fużjonijiet u akkwisti, bejgħ u xiri ta’ proprjetà).

130. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-politiki tagħhom dwar il-kunflitt ta' interess, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' kontroll intern rilevanti kollha japplikaw bis-sħiħ għal self u għal tranżazzjonijiet oħra ma' membri tal-korp ta' ġestjoni jew il-partijiet relatati tagħhom u li jkun hemm fis-seħħ qafas ta' sorveljanza xieraq fil-livell tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu.

## 12.2 Dokumentazzjoni ta' self lil membri tal-korp ta' ġestjoni u l-partijiet relatati tagħhom u informazzjoni addizzjonali

131. Għall-finijiet tal-Artikolu 88(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw id-*data* dwar is-self[34] lill-membri tal-korp ta' ġestjoni u lill-partijiet relatati tagħhom kif xieraq, inkluż tal-anqas:

a. l-isem tad-debitur u l-istatus tiegħu (jiġifieri membru tal-korp ta' ġestjoni jew parti relatata) u fir-rigward ta' self lil parti relatata, il-membru tal-korp ta' ġestjoni li miegħu tkun relatata l-parti u n-natura tar-relazzjoni mal-parti relatata;

b. it-tip/in-natura tas-self u l-ammont;

c. it-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli għas-self;

d. id-data tal-approvazzjoni tas-self;

e. l-isem tal-individwu jew tal-korp u l-kompożizzjoni tiegħu li jieħu d-deċiżjoni li japprova s-self u l-kundizzjonijiet applikabbli;

f. il-fatt (iva/le) dwar jekk is-self ingħatax skont il-kundizzjonijiet tas-suq; u

g. il-fatt (iva/le) dwar jekk is-self ingħatax jew le b'kundizzjonijiet disponibbli għall-persunal kollu.

132. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li d-dokumentazzjoni tas-self kollu lill-membri tal-korp ta' ġestjoni u l-partijiet relatati tagħhom tkun kompluta u aġġornata u li l-istituzzjoni tkun tista' tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti d-dokumentazzjoni kompluta f'format xieraq fuq talba mingħajr dewmien żejjed.

133. Għal self lil membru tal-korp ta' ġestjoni jew il-partijiet relatati tagħhom 'il fuq minn ammont ta' EUR 200 000, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jipprovdu lill-awtorità kompetenti fuq talba l-informazzjoni addizzjonali li ġejja:

a. il-perċentwal tas-self u l-perċentwal tas-somma tal-ammonti pendenti kollha ta' self lejn l-istess debitur meta mqabbel ma':

i. is-somma tal-kapital tal-Grad 1 u l-kapital tal-Grad 2 tiegħu u

[34] Ara wkoll il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-oriġinazzjoni tas-self, disponibbli taħt: https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/credit-risk/guidelines-on-loan-origination-and-monitoring

ii. kapital ta' Grad 1 ta' ekwità komuni tal-istituzzjoni;

b. jekk is-self huwiex parti minn skopertura kbira[35]; u

c. il-piż relattiv tas-somma aggregata tal-ammonti pendenti kollha ta' self lejn l-istess debitur, ikkalkulat bħala perċentwal billi jiġi diviż l-ammont totali pendenti bl-ammont totali tas-self pendenti kollu lill-membri tal-korp ta' ġestjoni u l-partijiet relatati tagħhom.

# 13 Proċeduri ta' twissija interna

134. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu u jżommu politiki u proċeduri xierqa ta' twissija interna sabiex il-persunal jirrapporta ksur potenzjali jew attwali ta' rekwiżiti regolatorji jew interni, inklużi, iżda mhux limitati għal, dawk tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2013/36/UE, jew ta' arranġamenti ta' governanza interna, permezz ta' kanal speċifiku, indipendenti u awtonomu. Il-persunal li jkun qiegħed jagħmel ir-rapport ma għandux ikun meħtieġ ikollu evidenza ta' ksur; madankollu, għandu jkollu livell suffiċjenti ta' ċertezza li tipprovdi raġuni suffiċjenti għat-tnedija ta' investigazzjoni. L-istituzzjonijiet jeħtieġ li jimplimentaw ukoll proċessi u proċeduri xierqa li jiżguraw li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont l-implimentazzjoni nazzjonali tad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tad-dritt tal-Unjoni.

135. Biex jiġu evitati kunflitti ta' interess, għandu jkun possibbli li l-persunal jirrapporta ksur barra mil-linji ta' rapportar regolari (eż. permezz tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità, tal-uffiċċju tal-awditjar intern jew ta' proċedura interna indipendenti ta' żvelar ta' informazzjoni protetta). Il-proċeduri ta' twissija għandhom jiżguraw il-protezzjoni tad-*data* personali kemm tal-persuna li tirrapporta l-ksur kif ukoll tal-persuna fiżika allegatament responsabbli mill-ksur, skont ir-Regolament (UE) 2016/679[36] (GDPR).

136. Il-proċeduri ta' twissija għandhom ikunu disponibbli għall-persunal kollu fi ħdan istituzzjoni.

137. L-informazzjoni provduta mill-persunal permezz tal-proċeduri ta' twissija għandha, jekk xieraq, titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ta' ġestjoni u ta' funzjonijiet oħra responsabbli definiti fil-politika ta' twissija interna. Fejn il-membru tal-persunal li jkun qed jirrapporta ksur jitlob dan, l-informazzjoni għandha tingħata lill-korp ta' ġestjoni u lil funzjonijiet oħra responsabbli b'mod anonimu. L-istituzzjonijiet jistgħu jipprevedu wkoll proċess ta' żvelar ta' informazzjoni protetta li jippermetti li l-informazzjoni tiġi preżentata b'mod anonimu.

138. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-persuna li tirrapporta l-ksur tkun protetta b'mod xieraq minn kwalunkwe impatt negattiv, eż. ritaljazzjoni, diskriminazzjoni jew tipi oħra ta' trattament inġust. L-istituzzjoni għandha tiżgura li ebda persuna taħt il-kontroll tal-istituzzjoni

[35] Ara wkoll il-Parti IV tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u b'mod partikolari l-Artikolu 392.

[36] Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

ma twettaq vittimizzazzjoni ta' persuna li tkun irrapportat ksur u għandha tieħu miżuri xierqa kontra dawk responsabbli minn kwalunkwe vittimizzazzjoni bħal din.

139. L-istituzzjonijiet għandhom jipproteġu wkoll lill-persuni rrapportati minn kwalunkwe effett negattiv f'każ li l-investigazzjoni ma ssib ebda evidenza li tiġġustifika t-teħid ta' miżuri kontra dik il-persuna. Jekk jittieħdu miżuri, l-istituzzjoni għandha teħodhom b'mod li l-persuna kkonċernata tiġi protetta minn effetti negattivi mhux intenzjonati li jmorru lil hinn mill-objettiv tal-miżura meħuda.

140. B'mod partikolari, il-proċeduri ta' twissija interna għandhom:

a. ikunu dokumentati (eż. manwali għall-persunal);

b. jipprovdu regoli ċari li jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-persuni li jkunu għamlu r-rapport u l-persuni rrapportati u l-ksur jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali, skont ir-Regolament (UE) 2016/679, sakemm il-liġi nazzjonali ma teżiġix divulgazzjoni fil-kuntest ta' investigazzjonijiet ulterjuri jew proċedimenti ġudizzjarji sussegwenti;

c. jipproteġu lill-persunal li jqajjem tħassib minn vittimizzazzjoni minħabba li jkunu żvelaw ksur rapportabbli;

d. jiżguraw li l-ksur potenzjali jew attwali mqajjem jiġi vvalutat u riferut, inkluż kif xieraq lill-awtorità kompetenti rilevanti jew lil aġenzija tal-infurzar tal-liġi;

e. jiżguraw, fejn possibbli, li l-persunal li jkun qajjem ksur potenzjali jew attwali jingħata konferma tal-wasla tal-informazzjoni;

f. jiżguraw it-traċċar tal-eżitu ta' investigazzjoni dwar ksur irrapportat; u

g. jiżguraw żamma ta' rekords xierqa.

# 14 Rapportar ta' ksur lill-awtoritajiet kompetenti

141. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi u affidabbli li jippermettu lill-persunal tal-istituzzjonijiet jirrapportaw għand l-awtoritajiet kompetenti ksur rilevanti potenzjali jew attwali ta' rekwiżiti regolatorji, inklużi, iżda mhux limitati għal dawk tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2013/36/UE. Dawn il-mekkaniżmi għandhom tal-anqas jinkludu:

a. proċeduri speċifiċi għall-wasla ta' rapporti dwar ksur u segwitu, pereżempju dipartiment, unità jew funzjoni ddedikata għall-iżvelar ta' informazzjoni protetta;

b. protezzjoni xierqa kif imsemmi fit-Taqsima 13;

c. protezzjoni tad-*data* personali kemm tal-persuna fiżika li tirrapporta l-ksur u tal-persuna fiżika li allegatament hija responsabbli mill-ksur, skont ir-Regolament (UE) 2016/679 (GDPR); u

d. proċeduri ċari kif stabbilit fit-Taqsima 13.

142. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta’ rapportar ta’ ksur permezz tal-mekkaniżmi tal-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jħeġġu lill-persunal biex l-ewwel jipprova juża l-proċeduri ta’ twissija interna tal-istituzzjonijiet tagħhom.

# Titolu V – Qafas u mekkaniżmi ta’ kontroll intern

## 15 Qafas ta’ kontroll intern

143. L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw u jżommu kultura li tħeġġeġ attitudni pożittiva lejn il-kontroll tar-riskju u l-konformità fl-istituzzjoni u qafas robust u komprensiv ta’ kontroll intern. Taħt dan il-qafas, il-linji operatorji tal-istituzzjonijiet għandhom ikunu responsabbli mill-ġestjoni tar-riskji li jiffaċċjaw fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom u għandu jkollhom kontrolli fis-seħħ bil-għan li tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti interni u esterni. Bħala parti minn dan il-qafas, l-istituzzjonijiet għandu jkollhom funzjonijiet ta’ kontroll intern b’awtorità, statura u aċċess xierqa u suffiċjenti għall-korp ta’ ġestjoni sabiex jaqdu l-missjoni tagħhom, u qafas ta’ ġestjoni tar-riskju.

144. Il-qafas ta’ kontroll intern tal-istituzzjonijiet għandu jiġi adattat fuq bażi individwali għall-ispeċifiċità tan-negozju tagħha, għall-kumplessità tagħha u għar-riskji assoċjati, b’kont meħud tal-kuntest tal-grupp. L-istituzzjonijiet għandhom jorganizzaw l-iskambju tal-informazzjoni meħtieġa b’mod li jiġi żgurat li kull korp ta’ ġestjoni, linja operatorja u unità interna, inkluż kull funzjoni ta’ kontroll intern, tkun kapaċi twettaq id-dmirijiet tagħha. Dan ifisser, pereżempju, skambju meħtieġ ta’ informazzjoni adegwata bejn il-linji operatorji u l-funzjoni ta’ konformità u l-funzjoni ta’ verifika tal-konformità mal-AML/CFT fejn tkun funzjoni ta’ kontroll separata, fil-livell tal-grupp u bejn il-kapijiet tal-funzjonijiet ta’ kontroll intern fil-livell tal-grupp u l-korp ta’ ġestjoni tal-istituzzjoni.

145. L-istituzzjonijiet għandhom jimplimentaw proċessi u proċeduri xierqa li jiżguraw li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw l-iskopertura tagħhom għar-riskju li jistgħu jintużaw għall-fini tal-ML/TF u, fejn meħtieġ, jieħdu miżuri ta’ mitigazzjoni biex inaqqsu dawk ir-riskji kif ukoll ir-riskji operazzjonali u ta’ reputazzjoni tagħhom marbuta magħhom. L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-persunal tagħhom ikun konxju ta’ tali riskji ta’ ML/TF u l-impatt li l-ML/TF għandu fuq l-istituzzjoni u l-integrità tas-sistema finanzjarja.

146. Il-qafas ta’ kontroll intern għandu jkopri l-organizzazzjoni sħiħa, inklużi r-responsabbiltajiet u l-kompiti tal-korp ta’ ġestjoni, u l-attivitajiet tal-linji operatorji u tal-unitajiet interni kollha, inkluż il-funzjonijiet ta’ kontroll intern, l-attivitajiet esternalizzati u l-kanali ta’ distribuzzjoni.

147. Il-qafas ta’ kontroll intern ta’ istituzzjoni għandu jiżgura:

a. operazzjonijiet effettivi u effiċjenti;

b. tmexxija prudenti tan-negozju;

c. identifikazzjoni, kejl u mitigazzjoni adegwati tar-riskji;

d. l-affidabbiltà ta’ informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja rrapportata kemm internament kif ukoll esternament;

e. proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi sodi; u

f. konformità mal-liġijiet, mar-regolamenti, mar-rekwiżiti superviżorji u mal-politiki interni, il-proċessi, ir-regoli u d-deċiżjonijiet tal-istituzzjoni.

# 16 Implimentazzjoni ta’ qafas ta’ kontroll intern

148. Il-korp ta’ ġestjoni għandu jkun responsabbli mill-istabbiliment u mill-monitoraġġ tal-adegwatezza u tal-effikaċja tal-qafas, tal-proċessi u tal-mekkaniżmi ta’ kontroll intern, u mis-sorveljanza tal-linji operatorji u tal-unitajiet interni kollha, inklużi l-funzjonijiet ta’ kontroll intern (bħall-ġestjoni tar-riskji, il-konformità, il-konformità mal-AML/CFT fejn ikunu separati mill-funzjoni tal-konformità, u l-funzjonijiet tal-awditjar intern). L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu, iżommu u jaġġornaw regolarment il-politiki, il-mekkaniżmi u l-proċeduri adegwati ta’ kontroll intern bil-miktub, li għandhom ikunu approvati mill-korp ta’ ġestjoni.

149. Istituzzjoni għandu jkollha proċess ċar, trasparenti u dokumentat ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet kif ukoll allokazzjoni ċara ta’ responsabbiltajiet u ta’ awtorità fi ħdan il-qafas ta’ kontroll intern tagħha, inkluż il-linji operatorji, l-unitajiet interni u l-funzjonijiet ta’ kontroll intern tagħha.

150. L-istituzzjonijiet għandhom jikkomunikaw dawk il-politiki, il-mekkaniżmi u l-proċeduri lill-persunal kollu u kull darba li jsir tibdil materjali.

151. Meta jimplimentaw il-qafas ta’ kontroll intern, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu segregazzjoni adegwata tad-dmirijiet – eż. persuni differenti jiġu fdati b’attivitajiet kunfliġġenti fl-ipproċessar ta’ tranżazzjonijiet jew fl-għoti ta’ servizzi lil persuni differenti, jew persuni differenti jiġu fdati b’responsabbiltajiet superviżorji u ta’ rapportar ta’ attivitajiet kunfliġġenti – u jistabbilixxu ostakli għall-informazzjoni, eż. permezz tas-separazzjoni fiżika ta’ ċerti dipartimenti.

152. Il-funzjonijiet ta’ kontroll intern għandhom jivverifikaw li l-politiki, il-mekkaniżmi u l-proċeduri stabbiliti fil-qafas ta’ kontroll intern jiġu implimentati b’mod korrett fl-oqsma ta’ kompetenza rispettivi tagħhom.

153. Il-funzjonijiet ta' kontroll intern għandhom jippreżentaw regolarment rapporti bil-miktub dwar nuqqasijiet kbar identifikati lill-korp ta' ġestjoni. Dawn ir-rapporti għandhom jinkludu, għal kull nuqqas kbir identifikat ġdid, ir-riskji rilevanti involuti, valutazzjoni tal-impatt, rakkomandazzjonijiet u miżuri korrettivi li għandhom jittieħdu. Il-korp ta' ġestjoni għandu jsegwi s-sejbiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern b'mod effettiv u f'waqtu u jeħtieġ azzjonijiet ta' rimedju adegwati. Għandha tiddaħħal fis-seħħ proċedura ta' segwitu formali dwar is-sejbiet u l-miżuri korrettivi.

## 17 Qafas ta' ġestjoni tar-riskju

154. Bħala parti mill-qafas ġenerali ta' kontroll intern, l-istituzzjonijiet għandu jkollhom qafas olistiku ta' ġestjoni tar-riskju madwar l-istituzzjoni kollha li jkopri l-linji operatorji u l-unitajiet interni kollha tagħhom, inkluż il-funzjonijiet ta' kontroll intern, filwaqt li jirrikonoxxu bis-sħiħ is-sustanza ekonomika tal-iskoperturi kollha għar-riskju tagħhom. Il-qafas ta' ġestjoni tar-riskju għandu jippermetti lill-istituzzjoni tieħu deċiżjonijiet infurmati sew dwar it-teħid ta' riskji. Il-qafas ta' ġestjoni tar-riskju għandu jinkludi riskji li jidhru fil-karta bilanċjali u dawk li ma jidhrux fil-karta bilanċjali kif ukoll riskji attwali u riskji futuri li tista' tkun esposta għalihom l-istituzzjoni. Ir-riskji għandhom jiġu vvalutati minn isfel għal fuq u minn fuq għal isfel, fi ħdan u bejn il-linji operatorji, bl-użu ta' terminoloġija konsistenti u metodoloġiji kompatibbli fl-istituzzjoni kollha u f'livell konsolidat jew subkonsolidat. Ir-riskji rilevanti kollha għandhom jiġu inklużi fil-qafas ta' ġestjoni tar-riskju b'kunsiderazzjoni xierqa kemm għar-riskji finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji, inklużi riskji ta' kreditu, tas-suq, ta' likwidità, ta' konċentrazzjoni, operazzjonali, tal-IT, ta' reputazzjoni, legali, ta' kondotta, ta' konformità mal-AML/CTF u reati finanzjarji oħra, tal-ESG, u dawk strateġiċi.

155. Qafas ta' ġestjoni tar-riskju ta' istituzzjoni għandu jinkludi politiki, proċeduri, limiti ta' riskju u kontrolli tar-riskji li jiżguraw identifikazzjoni, kejl jew valutazzjoni, monitoraġġ, ġestjoni, mitigazzjoni u rapportar adegwati, f'waqthom u kontinwi tar-riskji fil-linja operatorja, fl-istituzzjoni u fil-livell konsolidat jew dak subkonsolidat.

156. Qafas ta' ġestjoni tar-riskju ta' istituzzjoni għandu jipprovdi gwida speċifika dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tagħha. Fejn xieraq, din il-gwida għandha tistabbilixxi u żżomm limiti interni konsistenti mal-predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni u proporzjonati mal-operat sod, mas-saħħa finanzjarja, mal-bażi kapitali u mal-għanijiet strateġiċi tagħha. Il-profil tar-riskju ta' istituzzjoni għandu jinżamm f'dawn il-limiti stabbiliti. Il-qafas ta' ġestjoni tar-riskju għandu jiżgura li, kull meta jkun hemm ksur tal-limiti tar-riskju, ikun hemm proċess definit biex dawn jiġu riferuti u indirizzati bi proċedura ta' segwitu xierqa.

157. Il-qafas ta' ġestjoni tar-riskju għandu jkun soġġett għal rieżami intern indipendenti eż. Imwettaq mill-uffiċċju tal-awditjar intern, u jerġa' jiġi vvalutat b'mod regolari fl-isfond tal-predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni, filwaqt li titqies l-informazzjoni mill-funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju u, fejn stabbilit, mill-kumitat tar-riskju. Il-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati jinkludu żviluppi interni u esterni, fosthom il-karta bilanċjali u tibdil fid-dħul; kwalunkwe żieda fil-kumplessità tal-kummerċ, tal-profil tar-riskju jew tal-istruttura operatorja tal-istituzzjoni;

espansjoni ġeografika; fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet; u l-introduzzjoni ta’ prodotti jew ta’ linji operatorji ġodda.

158. Meta tidentifika u tkejjel jew tivvaluta r-riskji, istituzzjoni għandha tiżviluppa metodoloġiji xierqa li jinkludu kemm għodod li jħarsu ’l quddiem kif ukoll dawk li jħarsu lura. Il-metodoloġiji għandhom jippermettu l-aggregazzjoni tal-iskoperturi għar-riskju fost il-linji operatorji u jappoġġjaw l-identifikazzjoni ta’ konċentrazzjonijiet tar-riskju. L-għodod għandhom jinkludu l-valutazzjoni tal-profil tar-riskju attwali kontra l-predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni, kif ukoll l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta’ skoperturi għar-riskju potenzjali u taħt kriżi taħt firxa ta’ ċirkostanzi negattivi preżunti kontra l-kapaċità għar-riskju tal-istituzzjoni. L-għodod għandhom jipprovdu informazzjoni dwar kwalunkwe aġġustament fil-profil tar-riskju li jista’ jkun meħtieġ. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu suppożizzjonijiet konservattivi xierqa meta jibnu xenarji ta’ kriżi.

159. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-fatt li r-riżultati tal-metodoloġiji ta’ valutazzjoni kwantitattiva, inkluż l-ittestjar tal-istress, jiddependu ferm mill-limitazzjonijiet u s-suppożizzjonijiet tal-mudelli (inkluż is-severità u t-tul tax-xokk u r-riskji sottostanti). Pereżempju, il-mudelli li juru redditi għolja ħafna fuq il-kapital ekonomiku jistgħu jirriżultaw minn dgħjufija fil-mudelli (eż. l-esklużjoni ta’ xi riskji rilevanti) pjuttost milli strateġija superjuri jew eżekuzzjoni superjuri ta’ strateġija min-naħa tal-istituzzjoni. Għalhekk id-determinazzjoni tal-livell ta’ riskju meħud ma għandhiex tkun ibbażata biss fuq informazzjoni kwantitattiva jew fuq riżultati ta’ mudelli; għandha tinkludi wkoll approċċ kwalitattiv (li jinkludi ġudizzju espert u analiżi kritika). Ix-xejriet u d-*data* dwar l-ambjent makroekonomiku rilevanti għandhom jiġu indirizzati b’mod espliċitu biex jiġi identifikat l-impatt potenzjali tagħhom fuq l-iskoperturi u fuq il-portafolli.

160. Ir-responsabbiltà aħħarija mill-valutazzjoni tar-riskju hija unikament tal-istituzzjoni, li, għaldaqstant, għandha tivvaluta r-riskji tagħha b’mod kritiku u ma għandhiex toqgħod esklużivament fuq valutazzjonijiet esterni. Pereżempju, istituzzjoni għandha tivvalida mudell tar-riskju mixtri u tikkalibrah skont iċ-ċirkostanzi individwali tagħha biex jiġi żgurat li l-mudell jaqbad u janalizza r-riskju b’mod preċiż u komprensiv.

161. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu konxji sew mil-limitazzjonijiet tal-mudelli u tal-metriċi u ma jużawx biss għodod kwantitattivi ta’ valutazzjoni tar-riskju iżda wkoll dawk kwalitattivi (inkluż ġudizzju espert u analiżi kritika).

162. Minbarra l-valutazzjonijiet proprji tal-istituzzjonijiet, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw valutazzjonijiet tar-riskju esterni (inkluż klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni jew mudelli tar-riskji mixtrija esternament). L-istituzzjonijiet għandhom ikunu konxji sew mill-kamp ta’ applikazzjoni eżatt ta’ dawn il-valutazzjonijiet u l-limitazzjonijiet tagħhom.

163. Għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi regolari u trasparenti ta’ rapportar sabiex il-korp ta’ ġestjoni, il-kumitat tar-riskju tiegħu, fejn stabbilit, u l-unitajiet kollha rilevanti f’istituzzjoni jingħataw rapporti fil-ħin, preċiżi, konċiżi, komprensibbli u sinifikanti u jistgħu jikkondividu

informazzjoni rilevanti dwar l-identifikazzjoni, il-kejl jew il-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-ġestjoni tar-riskji. Il-qafas tar-rapportar għandu jkun definit u dokumentat sew.

164. Komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni effettivi dwar ir-riskji u l-istrateġija tar-riskju huma kruċjali għall-proċess sħiħ ta' ġestjoni tar-riskji, inkluż il-proċessi ta' rieżami u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u jgħinu biex jiġu evitati deċiżjonijiet li inkonxjament iżidu r-riskju. Ir-rapportar effettiv tar-riskji jinvolvi kunsiderazzjoni u komunikazzjoni interni u sodi dwar l-istrateġija tar-riskji u d-*data* rilevanti dwar ir-riskji (eż. skoperturi u indikaturi ewlenin tar-riskju), kemm b'mod orizzontali fl-istituzzjoni kif ukoll 'il fuq u 'l isfel fil-katina maniġerjali.

## 18 Prodotti ġodda u tibdil sinifikanti[37]

165. Istituzzjoni għandu jkollha politika dwar l-approvazzjoni ta' prodotti ġodda (NPAP) fis-seħħ, approvata mill-korp ta' ġestjoni, li tindirizza l-iżvilupp ta' swieq, prodotti u servizzi ġodda, u tibdil sinifikanti f'dawk eżistenti, kif ukoll tranżazzjonijiet eċċezzjonali. Barra minn hekk il-politika għandha tinkludi tibdil materjali għal proċessi (eż. arranġamenti ġodda ta' esternalizzazzjoni) u għal sistemi relatati (eż. proċessi ta' tibdil fl-IT). L-NPAP għandha tiżgura li l-prodotti u t-tibdil approvati jkunu konsistenti mal-istrateġija tar-riskju u mal-predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni u mal-limiti korrispondenti tal-istituzzjoni, jew li jsiru reviżjonijiet meħtieġa.

166. Tibdil materjali jew tranżazzjonijiet eċċezzjonali jistgħu jinkludu fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet, inkluż il-konsegwenzi potenzjali tat-twettiq ta' diliġenza dovuta insuffiċjenti li tonqos milli tidentifika r-riskji u r-responsabbiltajiet ta' wara l-fużjoni; l-istabbiliment ta' strutturi (eż. sussidjarji ġodda jew veikoli għal skop uniku (single-purpose vehicle); prodotti ġodda; tibdil fis-sistemi jew fil-qafas jew fil-proċeduri għall-ġestjoni tar-riskji; u tibdil fl-organizzazzjoni tal-istituzzjoni.

167. Istituzzjoni għandu jkollha proċeduri speċifiċi biex tivvaluta l-konformità ma' dawn il-politiki, filwaqt li jitqies il-kontribut tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji. Din għandha tinkludi valutazzjoni sistematika minn qabel u opinjoni dokumentata mill-funzjoni ta' verifika tal-konformità fil-każ ta' prodotti ġodda jew tibdil sinifikanti fi prodotti eżistenti.

168. L-NPAP ta' istituzzjoni għandha tkopri kull kunsiderazzjoni li għandha titqies qabel jiġi deċiż id-dħul fi swieq ġodda, in-negozjar fi prodotti ġodda, it-tnedija ta' servizz ġdid, jew tibdil sinifikanti fi prodotti jew servizzi eżistenti. L-NPAP għandha tinkludi wkoll id-definizzjonijiet ta' "prodott/suq/negozju ġdid" u ta' "tibdil sinifikanti" li għandhom jintużaw fl-organizzazzjoni u fil-funzjonijiet interni li ser ikunu involuti fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

169. L-NPAP għandha tistabbilixxi l-kwistjonijiet ewlenin li għandhom jiġu indirizzati qabel tittieħed deċiżjoni. Dawn għandhom jinkludu l-konformità regolatorja; il-kontabilità; il-mudelli ta' pprezzar; l-impatt fuq il-profil tar-riskju, l-adegwatezza kapitali u l-profitabbiltà; id-

[37] Ara wkoll il-linji gwida tal-EBA dwar ir-rekwiżiti ta' governanza u ta' sorveljanza tal-prodotti għal manifatturi u distributuri ta' prodotti bankarji għall-konsumatur, disponibbli fuq https://www.eba.europa.eu/-/eba-publishes-final-product-oversight-and-governance-requirements-for-manufactures-and-distributors-of-retail-banking-products.

disponibbiltà ta' riżorsi adegwati tal-uffiċċju tan-negozjar, tal-back office u tal-middle office; u d-disponibbiltà ta' għodod interni u kompetenzi adegwati għall-fehim u għall-monitoraġġ tar-riskji assoċjati. Barra minn hekk, sabiex jikkonformaw mal-obbligi skont id-Direttiva (UE) 2015/849, l-istituzzjonijiet jeħtieġ li jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskju ta' ML/TF assoċjat mal-prodott il-ġdid jew mal-prattika kummerċjali l-ġdida, u jistabbilixxu l-miżuri li għandhom jittieħdu biex jimmitigaw dawk ir-riskji. Id-deċiżjoni dwar it-tnedija ta' attività ġdida għandha tiddikjara b'mod ċar l-unità operatorja u l-individwi responsabbli minnha. Attività ġdida ma għandhiex titwettaq sakemm ikun hemm riżorsi adegwati disponibbli għall-fehim u għall-ġestjoni tar-riskji assoċjati.

170. Il-funzjoni tal-ġestjon tar-riskji u l-funzjoni ta' verifika tal-konformità għandhom ikunu involuti fl-approvazzjoni ta' prodotti ġodda jew ta' tibdil sinifikanti għal prodotti, proċessi u sistemi eżistenti. Il-kontribut tagħhom għandu jinkludi valutazzjoni sħiħa u oġġettiva tar-riskji li jirriżultaw minn attivitajiet ġodda f'firxa ta' xenarji, ta' kwalunkwe nuqqas potenzjali fl-oqfsa tal-ġestjoni tar-riskji u ta' kontroll intern tal-istituzzjoni, u tal-kapaċità tal-istituzzjoni li tiġġestixxi kwalunkwe riskju ġdid b'mod effettiv. Barra minn hekk il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji għandu jkollha stampa ċara tat-tnedija ta' prodotti ġodda (jew tibdil sinifikanti fi prodotti, proċessi u sistemi eżistenti) f'linji operatorji u portafolli differenti, u s-setgħa li teżiġi li t-tibdil fi prodotti eżistenti jgħaddi mill-proċess formali tal-NPAP.

# 19 Funzjonijiet ta' kontroll intern

171. Il-funzjonijiet ta' kontroll intern għandhom jinkludu funzjoni ta' ġestjoni tar-riskji (ara t-Taqsima 20), funzjoni ta' verifika tal-konformità (ara t-Taqsima 21) u uffiċċju tal-awditjar intern (ara t-Taqsima 22). Il-funzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskji u tal-verifika tal-konformità għandhom ikunu soġġetti għal rieżami mill-uffiċċju tal-awditjar intern. Ir-responsabbiltajiet tal-funzjonijiet ta' kontroll jinkludu wkoll li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tal-AML/CTF.

172. Il-kompiti operazzjonali tal-funzjonijiet ta' kontroll intern jistgħu jiġu esternalizzati, filwaqt li jitiqiesu l-kriterji ta' proporzjonalità elenkati fit-Titolu I, lill-istituzzjoni konsolidanti jew lil entità oħra ġewwa l-grupp jew barra minnu bil-kunsens tal-korpi ta' ġestjoni tal-istituzzjonijiet ikkonċernati. Anke meta l-kompiti operazzjonali tal-kontroll intern jiġu parzjalment jew kompletament esternalizzati, il-kap tal-funzjoni ta' kontroll intern ikkonċernat u l-korp ta' ġestjoni xorta jibqgħu responsabbli minn dawn l-attivitajiet u miż-żamma ta' funzjoni ta' kontroll intern fl-istituzzjoni.

173. Mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali li timplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw ir-responsabbiltà għall-iżgurar tal-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżiti ta' dik id-direttiva u l-politiki u l-proċeduri tal-istituzzjoni lil membru tal-persunal (eż. il-kap ta' konformità). L-istituzzjonijiet jistgħu jistabbilixxu funzjoni separata ta' verifika tal-konformità għall-AML/CTF bħala funzjoni ta' kontroll indipendenti.[38] Il-persuna

[38] Jekk jogħġbok irreferi wkoll għal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-funzjoni ta' verifika tal-konformità għall-AML/CTF (li bħalissa qed tiġi żviluppata)

responsabbli mill-AML/CTF għandha, fejn meħtieġ, tkun tista' tirrapporta direttament għand il-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni maniġerjali u superviżorja tiegħu.

## 19.1 Kapijiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern

174. Il-kapijiet ta' funzjonijiet ta' kontroll intern għandhom jiġu stabbiliti f'livell ġerarkiku adegwat li jipprovdi lill-kap tal-funzjoni ta' kontroll bl-awtorità u bl-istatura xierqa meħtieġa biex iwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu jew tagħha. Minkejja r-responsabbiltà ġenerali tal-korp ta' ġestjoni, il-kapijiet ta' funzjonijiet ta' kontroll intern għandhom ikunu indipendenti mil-linji operatorji jew mill-unitajiet li jikkontrollaw. Għal dan il-għan, il-kapijiet tal-funzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskji, tal-verifika tal-konformità u tal-awditjar intern għandhom jirrapportaw u jwieġbu direttament għand il-korp ta' ġestjoni, u l-prestazzjoni tagħhom għandha tiġi rieżaminata mill-korp ta' ġestjoni.

175. Fejn meħtieġ, il-kapijiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern għandhom ikunu jistgħu jkollhom aċċess u jirrapportaw direttament għand il-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu biex iqajmu tħassib u jwissu l-funzjoni superviżorja, fejn xieraq, meta żviluppi speċifiċi jaffettwaw jew jistgħu jaffettwaw lill-istituzzjoni. Dan ma għandux iwaqqaf lill-kapijiet ta' funzjonijiet ta' kontroll intern milli jirrapportaw ukoll fil-linji ta' rapportar regolari.

176. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom proċessi dokumentati fis-seħħ għall-assenjar tal-pożizzjoni tal-kap ta' funzjoni ta' kontroll intern u għall-irtirar tar-responsabbiltajiet tiegħu jew tagħha. Fi kwalunkwe każ, il-kapijiet ta' funzjonijiet ta' kontroll intern – u skont l-Artikolu 76(5) tad-Direttiva 2013/36/UE l-kap tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji – ma għandhomx jitneħħew mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu. F'istituzzjonijiet sinifikanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu mgħarrfa minnufih dwar l-approvazzjoni u r-raġunijiet ewlenin għat-tneħħija ta' kap ta' funzjoni ta' kontroll intern.

## 19.2 Indipendenza tal-funzjonijiet ta' kontroll intern

177. Sabiex il-funzjonijiet ta' kontroll jitqiesu indipendenti, għandhom ikunu sodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

a. il-persunal tagħhom ma jwettaqx kompiti operazzjonali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet li l-funzjonijiet ta' kontroll huma maħsuba li jimmonitorjaw u jikkontrollaw;

b. ikunu organizzazzjonalment separati mill-attivitajiet li huma assenjati biex jimmonitorjaw u jikkontrollaw;

c. minkejja r-responsabbiltà ġenerali tal-membri tal-korp ta' ġestjoni għall-istituzzjoni, il-kap ta' funzjoni ta' kontroll intern ma għandux ikun subordinat għal persuna b'responsabbiltà għall-ġestjoni tal-attivitajiet li l-funzjoni ta' kontroll intern timmonitorja u tikkontrolla; u

d. ir-remunerazzjoni tal-persunal tal-funzjoni ta' kontroll intern ma għandhiex tkun marbuta mal-prestazzjoni tal-attivitajiet li l-funzjoni ta' kontroll intern jimmonitorja u jikkontrolla, jew inkella tikkomprometti b'xi mod ieħor l-oġġettività tiegħu[39].

### 19.3 Kombinazzjoni ta' funzjonijiet ta' kontroll intern

178. Filwaqt li jitqiesu l-kriterji ta' proporzjonalità stabbiliti fit-Titolu I, il-funzjoni ta' ġestjoni tar-riskji u l-funzjoni ta' verifika tal-konformità jistgħu jingħaqdu flimkien. L-uffiċċju tal-awditjar intern ma għandux jingħaqad ma' funzjoni oħra ta' kontroll intern.

### 19.4 Riżorsi tal-funzjonijiet ta' kontroll intern

179. Il-funzjonijiet ta' kontroll intern għandu jkollhom riżorsi suffiċjenti. Għandu jkollhom għadd adegwat ta' persunal ikkwalifikat (kemm fil-livell tal-istituzzjoni prinċipali kif ukoll fil-livell tas-sussidjarji). Il-persunal għandu jibqa' jikseb il-kwalifiki meħtieġa fuq bażi regolari u għandu jirċievi t-taħriġ kif meħtieġ.

180. Il-funzjonijiet ta' kontroll intern għandu jkollhom sistemi tal-IT u appoġġ xierqa għad-dispożizzjoni tagħhom, b'aċċess għall-informazzjoni interna u esterna meħtieġa biex jaqdu r-responsabbiltajiet tagħhom. Għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-linji operatorji kollha u s-sussidjarji relevanti li jġorru r-riskji, b'mod partikolari dawk li potenzjalment jistgħu jiġġeneraw riskji materjali għall-istituzzjonijiet.

## 20 Funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji

181. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji (RMF) li tkopri l-istituzzjoni kollha. L-RMF għandu jkollha biżżejjed awtorità, statura u riżorsi, filwaqt li titqies il-proporzjonalità elenkati fit-Titolu I, biex timplimenta l-politiki tar-riskju u l-qafas ta' ġestjoni tar-riskji kif stabbilit fit-Taqsima 17.

182. L-RMF għandu jkollha, fejn meħtieġ, aċċess dirett għall-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu u għall-kumitati tiegħu, fejn stabbiliti, inkluż b'mod partikolari għall-kumitat tar-riskju.

183. L-RMF għandu jkollha aċċess għal-linji operatorji kollha u għal unitajiet interni oħra li għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw riskji, kif ukoll għal sussidjarji u affiljati rilevanti.

184. Il-persunal fi ħdan l-RMF għandu jkollu għarfien, ħiliet u esperjenza suffiċjenti fir-rigward ta' tekniki u proċeduri għall-ġestjoni tar-riskji, kif ukoll swieq u prodotti, u għandu jkollu aċċess għal taħriġ regolari.

185. L-RMF għandha tkun indipendenti mil-linji u mill-unitajiet operatorji li tikkontrollalhom ir-riskji iżda ma għandhiex titwaqqaf milli tinteraġixxi magħhom. L-interazzjoni bejn il-funzjonijiet

[39] Ara wkoll il-linji gwida tal-EBA dwar politiki sodi ta' remunerazzjoni, disponibbli fuq https://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/remuneration/guidelines-on-sound-remuneration-policies.

operazzjonali u l-RMF għandha tgħin sabiex jintlaħaq l-objettiv li l-persunal kollu tal-istituzzjoni jerfa' r-responsabbiltà għall-ġestjoni tar-riskji.

186. L-RMF għandha tkun karatteristika organizzazzjonali ċentrali tal-istituzzjoni, strutturata b'tali mod sabiex tkun tista' timplimenta politiki tar-riskju u tikkontrolla l-qafas tal-ġestjoni tar-riskji. L-RMF għandu jkollha rwol ewlieni fl-iżgurar li l-istituzzjoni jkollha fis-seħħ proċessi effettivi għall-ġestjoni tar-riskju. L-RMF għandha tkun involuta b'mod attiv fid-deċiżjonijiet kollha ta' ġestjoni ta' riskji materjali.

187. Istituzzjonijiet sinifikanti jistgħu jikkunsidraw l-istabbiliment ta' RMFs iddedikati għal kull linja operatorja materjali. Madankollu, għandu jkun hemm RMF ċentrali, inkluż RMF tal-grupp fl-istituzzjoni konsolidanti, biex twassal fehma olistika fl-istituzzjoni u fil-grupp kollu dwar ir-riskji kollha u biex tiġi żgurata li jkun hemm konformità mal-istrateġija tar-riskju.

188. L-RMF għandha tipprovdi informazzjoni, analiżi u ġudizzju espert indipendenti u rilevanti dwar l-iskoperturi għar-riskju, u parir dwar proposti u deċiżjonijiet dwar riskji li jittieħdu mil-linji operatorji jew mill-unitajiet interni, u għandha tgħarraf lill-korp ta' ġestjoni dwar jekk humiex konsistenti mal-istrateġija tar-riskju u mal-predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni. L-RMF tista' tirrakkomanda titjib għall-qafas tal-ġestjoni tar-riskji u miżuri korrettivi għar-rimedju ta' ksur ta' politiki, proċeduri u ta' limiti relatati mar-riskji.

## 20.1 Ir-rwol tal-RMF fl-istrateġija u fid-deċiżjonijiet dwar ir-riskji

189. L-RMF għandha tkun involuta b'mod attiv fi stadju bikri fl-elaborazzjoni tal-istrateġija tar-riskju ta' istituzzjoni u fl-iżgurar li l-istituzzjoni jkollha proċessi effettivi fis-seħħ ta' ġestjoni tar-riskju. L-RMF għandha tipprovdi lill-korp ta' ġestjoni l-informazzjoni rilevanti kollha relatata mar-riskju sabiex ikun jista' jistabbilixxi l-livell tal-predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni. L-RMF għandha tivvaluta r-robustezza u s-sostenibbiltà tal-istrateġija u tal-predispożizzjoni għar-riskju. Għandha tiżgura li l-predispoizzjoni għar-riskju jissarraf b'mod xieraq f'limiti speċifiċi tar-riskju. L-RMF għandha tivvaluta wkoll l-istrateġiji tar-riskju u l-predispożizzjoni għar-riskju tal-unitajiet operatorji, inkluż il-miri proposti mill-unitajiet operatorji, u għandha tkun involuta qabel ma l-korp ta' ġestjoni jieħu deċiżjoni dwar l-istrateġiji tar-riskju u l-predispożizzjoni għar-riskju. Il-miri għandhom ikunu plawsibbli u konsistenti mal-istrateġija tar-riskju tal-istituzzjonijiet.

190. L-involviment tal-RMFs fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet għandu jiżgura li l-kunsiderazzjonijiet tar-riskju jitqiesu sewwa. Madankollu, ir-responsabbiltà għad-deċiżjonijiet meħuda għandha tkun tal-unitajiet operatorji u interni, u finalment, tal-korp ta' ġestjoni.

## 20.2 Ir-rwol tal-RMF f'tibdil materjali

191. F'konformità mat-Taqsima 18, qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet dwar tibdil materjali jew tranżazzjonijiet eċċezzjonali, l-RMF għandha tkun involuta fil-valutazzjoni tal-impatt ta' tali

tibdil u tranżazzjonijiet eċċezzjonali fuq ir-riskju ġenerali tal-istituzzjoni u tal-grupp, u għandha tirrapporta s-sejbiet tagħha direttament lill-korp ta’ ġestjoni qabel tittieħed deċiżjoni.

192. L-RMF għandha tivvaluta l-mod kif ir-riskji identifikati jistgħu jaffettwaw il-kapaċità tal-istituzzjoni jew tal-grupp li jiġġestixxi l-profil tar-riskju tiegħu, il-likwidità tiegħu u l-bażi kapitali soda tiegħu f’ċirkostanzi normali u negattivi.

## 20.3 Ir-rwol tal-RMF fl-identifikazzjoni, fil-kejl, fil-valutazzjoni, fil-ġestjoni, fil-mitigazzjoni, fil-monitoraġġ u fir-rapportar tar-riskji

193. L-RMF għandha tiżgura li jkun hemm qafas xieraq tal-ġestjoni tar-riskji u li r-riskji kollha jiġu identifikati, ivvalutati, imkejla, immonitorjati, ġestiti u rrapportati sew mill-unitajiet rilevanti fl-istituzzjoni.

194. L-RMF għandha tiżgura li l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ma jkunux ibbażati biss fuq informazzjoni kwantitattiva jew fuq riżultati ta’ mudelli, iżda tqis ukoll approċċi kwalitattivi. L-RMF għandha żżomm lill-korp ta’ ġestjoni mgħarraf dwar is-suppożizzjonijiet użati u n-nuqqasijiet potenzjali tal-mudelli u tal-analiżi tar-riskju.

195. L-RMF għandha tiżgura li jiġu rieżaminati t-tranżazzjonijiet ma’ partijiet relatati u li r-riskji li jippreżentaw għall-istituzzjoni jiġu identifikati u vvalutati b’mod adegwat.

196. L-RMF għandha tiżgura li l-unitajiet operatorji jimmonitorjaw ir-riskji kollha identifikati b’mod effettiv.

197. L-RMF għandha timmonitorja regolarment il-profil tar-riskju attwali tal-istituzzjoni u tiflih fl-isfond tal-għanijiet strateġiċi u tal-predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni sabiex ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet mill-korp ta’ ġestjoni fil-funzjoni maniġerjali tiegħu u tkun tista’ ssir kontestazzjoni mill-korp ta’ ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu.

198. L-RMF għandha tanalizza x-xejriet u tirrikonoxxi riskji ġodda jew emerġenti u żidiet fir-riskji bħala riżultat ta’ tibdil fiċ-ċirkostanzi u fil-kundizzjonijiet. Barra minn hekk għandha tirrieżamina b’mod regolari l-eżiti attwali tar-riskji fl-isfond ta’ stimi preċedenti (jiġifieri ttestjar b’lura) biex tivvaluta u ttejjeb il-preċiżjoni u l-effikaċja tal-proċess ta’ ġestjoni tar-riskju.

199. L-RMF għandha tivvaluta modi possibbli kif jiġu mitigati r-riskji. Ir-rapportar lill-korp ta’ ġestjoni għandu jinkludi proposti għal azzjonijiet xierqa għall-mitigazzjoni tar-riskju.

## 20.4 Ir-rwol tal-RMF fi skoperturi mhux approvati

200. L-RMF għandha tivvaluta b’mod indipendenti ksur tal-predispożizzjoni jew tal-limiti tar-riskju (inkluż l-aċċertament tal-kawża u t-twettiq ta’ analiżi legali u ekonomika tal-kost proprju tal-għeluq, tat-tnaqqis jew tal-iħħeġġjar tal-iskopertura kontra l-kost potenzjali taż-żamma tagħha). L-RMF għandha tgħarraf lill-unitajiet operatorji kkonċernati u lill-korp ta’ ġestjoni, u

tirrakkomanda rimedji possibbli. L-RMF għandha tirrapporta direttament għand il-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu meta l-ksur ikun materjali, mingħajr preġudizzju għall-RMF li tirrapporta lil funzjonijiet u kumitati interni oħra.

201. L-RMF għandu jkollha rwol ewlieni sabiex jiġi żgurat li deċiżjoni fuq rakkomandazzjoni tagħha tittieħed fil-livell rilevanti, li jkun hemm konformità magħha mill-unitajiet operatorji rilevanti u tiġi rapportata kif suppost lill-korp ta' ġestjoni u, fejn stabbilit, lill-kumitat tar-riskju.

### 20.5 Kap tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju

202. Il-kap tal-RMF għandu jkun responsabbli mill-għoti ta' informazzjoni komprensiva u komprensibbli dwar ir-riskji u għall-għoti ta' pariri lill-korp ta' ġestjoni, sabiex dan il-korp ikun jista' jifhem il-profil tar-riskju ġenerali tal-istituzzjoni. L-istess japplika għall-RMF ta' istituzzjoni prinċipali fir-rigward tas-sitwazzjoni konsolidata.

203. Il-kap tal-RMF għandu jkollu biżżejjed kompetenza, indipendenza u anzjanità biex jikkontesta deċiżjonijiet li jaffettwaw l-iskopertura ta' istituzzjoni għar-riskju. Meta l-kap tal-RMF ma jkunx membru tal-korp ta' ġestjoni, istituzzjonijiet sinifikanti għandhom jaħtru kap indipendenti tal-RMF li ma jkollux responsabbiltajiet għal funzjonijiet oħra u jirrapporta direttament għand il-korp ta' ġestjoni. Fejn ma jkunx proporzjonat li tinħatar persuna li hija ddedikata biss għar-rwol ta' kap tal-RMF, filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fit-Titolu I, din il-funzjoni tista' tiġi kkombinata mal-kap tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità jew tista' ssir minn persuna oħra f'kariga għolja, sakemm ma jkunx hemm kunflitt ta' interess bejn il-funzjonijiet kombinati. Fi kwalunkwe każ, din il-persuna għandu jkollha biżżejjed awtorità, statura u indipendenza (eż. kap ta' funzjoni legali).

204. Il-kap tal-RMF għandu jkun jista' jikkontesta deċiżjonijiet meħuda mill-maniġment tal-istituzzjoni u mill-korp ta' ġestjoni tagħha, u r-raġunijiet għall-oġġezzjonijiet għandhom ikunu dokumentati b'mod formali. Jekk istituzzjoni tkun tixtieq tagħti lill-kap tal-RMF id-dritt ta' veto fuq deċiżjonijiet (eż. deċiżjoni dwar kreditu jew investiment jew l-iffissar ta' limitu) li jsiru f'livelli taħt dak tal-korp ta' ġestjoni, għandha tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni ta' tali dritt ta' veto, il-proċeduri ta' eskalazzjoni jew ta' appell, kif ukoll il-mod ta' involviment tal-korp ta' ġestjoni.

205. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu proċessi msaħħa għall-approvazzjoni ta' deċiżjonijiet li dwarhom il-kap tal-RMF ikun esprima opinjoni negattiva. Il-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandu jkun jista' jikkomunika direttament mal-kap tal-RMF dwar kwistjonijiet ewlenin ta' riskju, inkluż żviluppi li jistgħu ma jkunux konsistenti mal-istrateġija tar-riskju u mal-predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni.

## 21 Funzjoni ta' verifika tal-konformità

206. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu funzjoni permanenti u effettiva ta' verifika tal-konformità, għall-ġestjoni tar-riskju ta' konformità u għandhom jaħtru persuna biex tkun

responsabbli minn din il-funzjoni fl-istituzzjoni kollha (l-uffiċjal tal-konformità jew il-kap tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità).

207. Fejn ma jkunx proporzjonat li tinħatar persuna li hija ddedikata biss għar-rwol ta' kap tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità, filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fit-Titolu I, din il-funzjoni tista' tiġi kkombinata ma' dik tal-kap tal-RMF jew tista' ssir minn persuna oħra f'kariga għolja (eż. kap ta' funzjoni legali), sakemm ma jkunx hemm kunflitt ta' interess bejn il-funzjonijiet kombinati.

208. Il-funzjoni ta' verifika tal-konformità, inkluż il-kap tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità, għandha tkun indipendenti mil-linji operatorji u mill-unitajiet interni li tikkontrolla u għandu jkollha biżżejjed awtorità, statura u riżorsi. Filwaqt li jitqiesu l-kriterji ta' proporzjonalità stabbiliti fit-Titolu I, din il-funzjoni tista' tkun megħjuna mill-RMF jew tingħaqad mal-RMF jew ma' funzjonijiet xierqa oħra, eż. id-diviżjoni legali jew tar-riżorsi umani.

209. Il-persunal fi ħdan il-funzjoni ta' verifika tal-konformità għandu jkollu biżżejjed għarfien, ħiliet u esperjenza fir-rigward ta' proċeduri ta' konformità u oħrajn rilevanti, u għandu jkollu aċċess għal taħriġ regolari.

210. Il-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandu jissorvelja l-implimentazzjoni ta' politika ta' konformità dokumentata tajjeb, li għandha tiġi kkomunikata lill-persunal kollu. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu proċess għall-valutazzjoni regolari tat-tibdil fil-liġi u fir-regolamenti applikabbli għall-attivitajiet tagħhom.

211. Il-funzjoni ta' verifika tal-konformità għandha tagħti pariri lill-korp ta' ġestjoni dwar miżuri li għandhom jittieħdu biex tiġi żgurata konformità ma' liġijiet, regoli, regolamenti u standards applikabbli, u għandha tivvaluta l-impatt possibbli ta' kwalunkwe tibdil fl-ambjent ġuridiku jew regolatorju fuq l-attivitajiet u fuq il-qafas ta' konformità tal-istituzzjoni.

212. Il-funzjoni ta' verifika tal-konformità għandha tiżgura li l-monitoraġġ tal-konformità jsir permezz ta' programm strutturat u definit tajjeb ta' monitoraġġ tal-konformità u li tiġi osservata l-politika ta' konformità. Il-funzjoni ta' verifika tal-konformità għandha tirrapporta għand il-korp ta' ġestjoni u tikkomunika kif xieraq mal-RMF dwar ir-riskju ta' konformità tal-istituzzjoni u l-ġestjoni tiegħu. Il-funzjoni ta' verifika tal-konformità u l-RMF għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni kif xieraq biex iwettqu l-kompiti rispettivi tagħhom. Waqt il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet il-korp ta' ġestjoni u l-RMF għandhom iqisu s-sejbiet tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità.

213. F'konformità mat-Taqsima 18 ta' dawn il-linji gwida, il-funzjoni ta' verifika tal-konformità għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-RMF u mal-unità legali, tivverifika wkoll li prodotti ġodda u proċeduri ġodda jikkonformaw mal-qafas ġuridiku attwali u, fejn xieraq, ma' kwalunkwe tibdil antiċipat fil-leġiżlazzjoni, fir-regolamenti u fir-rekwiżiti superviżorji.

214. L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu azzjoni xierqa kontra mġiba interna jew esterna li tista' tiffaċilita jew tippermetti frodi, ML/TF jew reati finanzjarji oħra u ksur tad-dixxiplina (eż. ksur ta' proċeduri interni, ksur tal-limiti).

215. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li s-sussidjarji u l-fergħat tagħhom jieħdu passi sabiex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet tagħhom ikunu konformi mal-liġijiet u mar-regolamenti lokali. Jekk il-liġijiet u r-regolamenti lokali jfixklu l-applikazzjoni ta' proċeduri u ta' sistemi ta' konformità aktar stretti implimentati mill-grupp, speċjalment jekk ma jippermettux l-iżvelar u l-iskambju ta' informazzjoni neċessarja bejn entitajiet fi ħdan il-grupp, is-sussidjarji u l-fergħat għandhom jgħarrfu lill-uffiċjal għall-konformità jew lill-kap tal-konformità tal-istituzzjoni konsolidanti.

# 22 Uffiċċju ta' awditjar intern

216. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu uffiċċju tal-awditjar intern (IAF) indipendenti u effettiv, filwaqt li jitqiesu l-kriterji ta' proporzjonalità stabbiliti fit-Titolu I, u għandhom jaħtru persuna biex tkun responsabbli minn din il-funzjoni fl-istituzzjoni kollha. L-IAF għandu jkun indipendenti u jkollu biżżejjed awtorità, statura u riżorsi. B'mod partikolari, l-istituzzjoni għandha tiżgura li l-kwalifiki tal-membri tal-persunal tal-IAF u r-riżorsi tal-IAF, b'mod partikolari l-għodod tal-awditjar u l-metodi ta' analiżi tar-riskju tiegħu, huma adegwati għad-daqs u għal-lokazzjonijiet tal-istituzzjoni, kif ukoll għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji assoċjati mal-mudell kummerċjali, mal-attivitajiet, mal-kultura tar-riskju u mal-predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni.

217. L-IAF għandu jkun indipendenti mill-attivitajiet awditjati. Għalhekk, l-IAF ma għandux jingħaqad ma' funzjonijiet oħra.

218. L-IAF għandu, permezz ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju, jirrieżamina b'mod indipendenti u jipprovdi assigurazzjoni oġġettiva tal-konformità tal-attivitajiet u tal-unitajiet kollha ta' istituzzjoni, inkluż l-attivitajiet esternalizzati, mal-politiki u mal-proċeduri tal-istituzzjoni u ma' rekwiżiti regolatorji. Kull entità fi ħdan il-grupp għandha taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-IAF.

219. L-IAF ma għandux ikun involut fit-tfassil, fl-għażla, fl-istabbiliment u fl-implimentazzjoni ta' politiki, mekkaniżmi u proċeduri speċifiċi ta' kontroll intern, u l-limiti ta' riskju. Madankollu, dan ma għandux iwaqqaf lill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni maniġerjali tiegħu milli jitlob kontribut mill-awditjar intern dwar kwistjonijiet relatati mar-riskju, ma' kontrolli interni u ma' konformità mar-regoli applikabbli.

220. L-IAF għandu jivvaluta jekk il-qafas ta' kontroll intern tal-istituzzjoni kif stabbilit fit-Taqsima 15 huwiex kemm effettiv kif ukoll effiċjenti. B'mod partikolari, l-IAF għandu jivvaluta:

a. l-adegwatezza tal-qafas ta' governanza tal-istituzzjoni;

b. jekk il-politiki u l-proċeduri eżistenti jibqgħux adegwati u konformi mar-rekwiżiti legali u regolatorji u mal-istrateġija tar-riskju u mal-predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni;

c. il-konformità tal-proċeduri mal-liġijiet u mar-regolamenti applikabbli u mad-deċiżjonijiet tal-korp ta' ġestjoni;

d. jekk il-proċeduri humiex implimentati b'mod korrett u effettiv (eż. il-konformità tat-tranżazzjonijiet, il-livell ta' riskju effettivament imġarrab, eċċ.); u

e. l-adegwatezza, il-kwalità u l-effikaċja tal-kontrolli mwettqa u tar-rapportar li sar mill-unitajiet operatorji tad-difiża u mill-funzjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju u ta' verifika tal-konformità.

221. B'mod partikolari, l-IAF għandu jivverifika l-integrità tal-proċessi sabiex tiġi żgurata l-affidabbiltà tal-metodi u tat-tekniki tal-istituzzjoni, u s-suppożizzjonijiet u s-sorsi ta' informazzjoni użati fil-mudelli interni tagħha (eż. l-immudellar tar-riskju u l-kejl kontabilistiku). Għandu jivvaluta wkoll il-kwalità u l-użu ta' għodod kwalitattivi ta' identifikazzjoni u ta' valutazzjoni tar-riskju u l-miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju meħuda.

222. L-IAF għandu jkollu aċċess liberu fl-istituzzjoni kollha għar-rekords, għad-dokumenti, għall-bini u għall-informazzjoni kollha tal-istituzzjoni. Dan għandu jinkludi aċċess għas-sistemi ta' informazzjoni maniġerjali u għall-minuti tal-kumitati u tal-korpi deċiżjonali kollha.

223. L-IAF għandu jaderixxi ma' standards professjonali nazzjonali u internazzjonali. Eżempju tal-istandards professjonali msemmija hawnhekk huwa l-istandards stabbiliti mill-Istitut tal-Awdituri Interni.

224. Il-ħidma ta' awditjar intern għandha ssir skont pjan tal-awditjar u programm dettaljat ta' awditjar li jsegwu approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

225. Tal-anqas darba fis-sena għandu jitfassal pjan ta' awditjar intern abbażi tal-objettivi annwali ta' kontroll ta' awditjar intern. Il-pjan ta' awditjar intern għandu jiġi approvat mill-korp ta' ġestjoni.

226. Kull rakkomandazzjoni tal-awditjar għandha tkun soġġetta għal proċedura formali ta' segwitu mil-livelli xierqa tal-maniġment biex tiġi żgurata u rrapportata r-riżoluzzjoni effettiva u propizja tagħhom.

# Titolu VI – Ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju[40]

227. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu pjan għall-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju u pjan ta' rkupru b'saħħtu sabiex jiġi żgurat li jkunu kapaċi joperaw fuq bażi regolari u jiġi limitat it-telf fil-każ ta' tqallib qawwi tal-operat.

228. L-istituzzjonijiet jistgħu jistabbilixxu funzjoni indipendenti u speċifika tal-kontinwità tan-negozju, eż. bħala parti mill-RMF[41].

229. In-negozju ta' istituzzjoni jiddependi minn diversi riżorsi kritiċi (eż. sistemi tal-IT fosthom servizzi ta' cloud, sistemi ta' komunikazzjoni, il-persunal ewlieni u bini). L-għan tal-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju huwa li jitnaqqsu l-konsegwenzi operazzjonali, finanzjarji, legali, reputazzjonali u konsegwenzi materjali oħrajn bħala riżultat ta' diżastru jew interruzzjoni fit-tul f'dawn ir-riżorsi u t-tqallib konsegwenti fil-proċeduri ordinarji tan-negozju tal-istituzzjoni. Miżuri oħrajn ta' ġestjoni tar-riskji jistgħu jkunu maħsuba biex titnaqqas il-probabbiltà ta' tali inċidenti jew sabiex l-impatt finanzjarju tagħhom jiġi ttrasferit lil partijiet terzi (eż. permezz ta' assigurazzjoni).

230. Sabiex tistabbilixxi pjan b'saħħtu għall-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju, istituzzjoni għandha tanalizza bir-reqqa fatturi tar-riskju għal u l-iskopertura tagħha għal tqallib qawwi tal-operat u tivvaluta (b'mod kwantitattiv u kwalitattiv) l-impatt potenzjali tagħhom, billi tuża *data* interna u/jew esterna u analiżi tax-xenarji. Din l-analiżi għandha tkopri l-linji operatorji u l-unitajiet interni kollha, inkluż l-RMF, u għandha tqis l-interdipendenza tagħhom. Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jikkontribwixxu għad-definizzjoni tal-prijoritajiet u tal-objettivi ta' rkupru tal-istituzzjoni.

231. Abbażi tal-analiżi msemmija hawn fuq, istituzzjoni għandha timplimenta:

a. pjanijiet ta' kontinġenza u ta' kontinwità tan-negozju biex jiġi żgurat li l-istituzzjoni tirreaġixxi b'mod xieraq għal emerġenzi u tkun kapaċi żżomm l-attivitajiet kummerċjali l-aktar importanti tagħha f'każ ta' tqallib fil-proċeduri ordinarji tan-negozju tagħha; u

b. pjanijiet ta' rkupru għal riżorsi kritiċi li jippermettu li l-istituzzjoni terġa' lura għal proċeduri ordinarji tan-negozju f'perjodu ta' żmien xieraq. Kwalunkwe riskju residwu minn tqallib potenzjali tal-operat għandu jkun konsistenti mal-predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni.

232. Il-pjanijiet ta' kontinġenza, ta' kontinwità tan-negozju u ta' rkupru għandhom jiġu dokumentati u implimentati bir-reqqa. Id-dokumentazzjoni għandha tkun disponibbli għal-linji operatorji, għall-unitajiet interni u għall-RMF, u għandha tinħażen fuq sistemi li huma

[40] L-istituzzjonijiet għandhom jirreferu wkoll għal-Linji Gwida tal-EBA dwar ir-riskju tal-ICT:, disponibbli taħt: https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/internal-governance/guidelines-on-ict-and-security-risk-management

[41] Jekk jogħġbok irreferi wkoll għall-Artikolu 312 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

fiżikament separati u faċilment aċċessibbli f'każ ta' kontinġenza. Għandu jingħata taħriġ xieraq. Il-pjanijiet għandhom jiġu ttestjati u aġġornati regolarment. Kwalunkwe sfida jew nuqqas li jseħħ fit-testijiet għandu jiġi dokumentat u analizzat, u l-pjanijiet għandhom jiġu rieżaminati skont dan.

# Titolu VII – Trasparenza

233. L-istrateġiji, il-politiki u l-proċeduri għandhom jiġu komunikati lill-persunal rilevanti kollu f'istituzzjoni. Il-persunal ta' istituzzjoni għandu jifhem u jaderixxi ma' politiki u proċeduri li jirrigwardaw id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tiegħu.

234. Għaldaqstant, il-korp ta' ġestjoni għandu jgħarraf u jaġġorna lill-persunal rilevanti dwar l-istrateġiji u l-politiki tal-istituzzjoni b'mod ċar u konsistenti, tal-anqas fil-livell meħtieġ biex iwettqu d-dmirijiet partikolari tagħhom. Dan jista' jsir permezz ta' linji gwida bil-miktub, manwali jew mezzi oħrajn.

235. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jirrikjedu lill-impriżi prinċipali li jippubblikaw fuq bażi annwali deskrizzjoni tal-istruttura ġuridika tagħhom u tal-istruttura ta' governanza u organizzazzjonali tal-grupp tal-istituzzjonijiet, skont l-Artikolu 106(2) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-informazzjoni għandha tinkludi l-entitajiet kollha fl-istruttura tal-grupp kif definit fid-Direttiva 2013/34/UE[42], skont il-pajjiż.

236. Il-pubblikazzjoni għandha tal-anqas tinkludi:

a. ħarsa ġenerali lejn l-organizzazzjoni interna tal-istituzzjonijiet u tal-istruttura tal-grupp kif definit fid-Direttiva 2013/34/UE u t-tibdil fihom, inkluż il-linji ta' rapportar u r-responsabbiltajiet ewlenin;

b. kwalunkwe tibdil materjali mill-pubblikazzjoni preċedenti u d-data tat-tibdil materjali;

c. strutturi ġuridiċi, governattivi jew organizzazzjonali ġodda;

d. informazzjoni dwar l-istruttura, l-organizzazzjoni u l-membri tal-korp ta' ġestjoni, inkluż l-għadd tal-membri tiegħu u l-għadd ta' dawk ikkwalifikati bħala indipendenti, u li tispeċifika l-ġeneru u t-tul tal-mandat ta' kull membru tal-korp ta' ġestjoni;

e. ir-responsabbiltajiet ewlenin tal-korp ta' ġestjoni;

f. lista tal-kumitati tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu u l-kompożizzjoni tagħhom;

[42] Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p.19).

g. ħarsa ġenerali lejn il-politika dwar il-kunflitt ta' interess applikabbli għall-istituzzjoni u għall-korp ta' ġestjoni;

h. ħarsa ġenerali lejn il-qafas ta' kontroll intern; u

i. ħarsa ġenerali lejn il-qafas ta' ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju.

# Anness I – Aspetti li għandhom jitqiesu meta tiġi żviluppata politika ta' governanza interna

F'konformità mat-Titolu III, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-aspetti li ġejjin meta jiddokumentaw il-politiki u l-arranġamenti ta' governanza interna:

1. Struttura azzjonarja
2. L-istruttura tal-grupp, jekk applikabbli (l-istruttura ġuridika u funzjonali)
3. Kompożizzjoni u funzjonament tal-korp ta' ġestjoni
   a) kriterji tal-għażla, inkluż kif titqies id-diversità
   b) għadd, tul tal-mandat, rotazzjoni, età
   c) membri indipendenti tal-korp ta' ġestjoni
   d) membri eżekuttivi tal-korp ta' ġestjoni
   e) membri mhux eżekuttivi tal-korp ta' ġestjoni
   f) diviżjoni interna tal-kompiti, jekk applikabbli
4. L-istruttura ta' governanza u l-organigramma (b'impatt fuq il-grupp, jekk applikabbli)
   a) kumitati speċjalizzati
      i. kompożizzjoni
      ii. funzjonament
   b) kumitat eżekuttiv, jekk ikun hemm
      i. kompożizzjoni
      ii. funzjonament
5. Detenturi ta' funzjonijiet ewlenin
   a) kap tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju
   b) kap tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità
   c) kap tal-uffiċċju tal-awditjar intern
   d) uffiċjal kap finanzjarju
   e) detenturi oħra ta' funzjonijiet ewlenin
6. Qafas ta' kontroll intern
   a) deskrizzjoni ta' kull funzjoni, inkluż l-organizzazzjoni, ir-riżorsi, l-istatura u l-awtorità tagħha
7. Deskrizzjoni tal-istrateġija tar-riskju u l-qafas ta' ġestjoni tar-riskju

8. L-istruttura organizzazzjonali (b'impatt fuq il-grupp, jekk applikabbli)
    a) struttura operazzjonali, linji operatorji, u allokazzjoni ta' kompetenzi u ta' responsabbiltajiet
    b) esternalizzazzjoni
    c) firxa ta' prodotti u servizzi
    d) kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tan-negozju
    e) forniment ta' servizzi taħt ir-reġim tal-libertà tal-forniment ta' servizzi
    f) fergħat
    g) sussidjarji, impriżi konġunti, eċċ.
    h) użu ta' ċentri offshore
9. Il-kodiċi ta' kondotta u ta' mġiba (b'impatt fuq il-grupp, jekk applikabbli)
    a) objettivi strateġiċi u valuri tal-kumpanija
    b) kodiċi u regolamenti interni, politika ta' prevenzjoni
    c) politika dwar il-kunflitt ta' interess
    d) żvelar ta' informazzjoni protetta
10. L-istatus tal-politika ta' governanza interna, bid-data
    a) żvilupp
    b) l-aħħar emenda
    c) l-aħħar valutazzjoni
    d) approvazzjoni mill-korp ta' ġestjoni.